ĦARĠA NUMRU 37 - REBBIEGĦA 2024

NEWSPAPER POST

# Nisġet artna

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MILL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI




GVERN TA' MALTA

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

# IL-WERREJ


3 Messaġġ mingħand il-Ministru
4 Messaġġ mingħand is-Segretarju Parlamentari
5 Iktar valur għall-prodott tal-ikel Malti
6 Xylella Fastidiosa
7 Ekoskemi għal biedja sostenibbli
8 Inħarsu 'l quddiem għal aktar ħidma favur l-annimali matul l-2024
10 L-Aljeni, ħbieb jew għedewwa?
12 Ftit siġar Maltin fil-folklor botaniku tal-gżejjer Maltin
14 Inawgurata żona għall-Meet and Greet fiċ-Ċentru ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-Agrikoltura fl-Għammieri
16 Intervista mas-Sinjura Estelle Bonello Sant
20 Riżorsi Agrikoli Malta
22 Il-Proġett Agrihub jirrivoluzzjona s-settur agrikolu permezz tal-innovazzjoni u r-riċerka
24 L-Effett tal-Ikel fuq il-ħalib tal-mogħża Maltija
26 Excel4med
28 Sforzi dinjija biex tiġi indirizzata r-reżistenza għall-antibijotiċi
30 Workshop dwar l-ikel organiku
32 Il-programm 'Let's Talk Farming'
34 Il-fniek domestiċi


# EDITORJAL

U hekk kważi għaddew l-ewwel xhur tas-sena u dħalna fir-rebbiegħa, staġun mimli daqs bajda għal dan il-Ministeru hekk kif se terġa' tiġi organizzata t-tieni edizzjoni tal-Malta AgriFair. Din is-sena se ssir propju mit-12 sal-14 ta' April ġewwa l-MFCC f'Ta' Qali. Din hi attività għal kull età u wieħed se jkun jista' jara u jitgħallem fuq l-aqwa prodotti li nsibu fis-settur agrikolu u dak tas-sajd lokali. Il-Malta AgriFair hija pjattaforma oħra biex jiġu esposti dawn is-setturi li huma mezz importanti ta' ikel u li jissalvagwardjaw l-ambjent naturali ta' pajjiżna. Ma jonqsux il-kompetizzjonijiet u l-wirjiet professjonali tal-annimali, attrazzjoni li dejjem tattira lil ħafna familji. Għal aktar informazzjoni fuq din il-fiera nħeġġiġkom tidħlu fil-paġna tal-Facebook Agrikoltura jew fis-sit uffiċjali https://agrifair.gov.mt/.

F'din l-edizzjoni se ssibu tagħrif varju fuq ħafna mix-xogħolijiet imwettqa biex kemm jista' jkun tiġi żgurata s-sostenibbiltà fis-setturi tas-sajd u tal-agrikoltura. Fosthom l-artiklu fuq l-Aġenzija l-ġdida Riżorsi Agrikoli Malta u artiklu fuq l-aħħar żviluppi fil-proġett Agrihub. Jekk għoġobkom l-artiklu fl-edizzjoni li għaddiet fuq il-"mostri" li nsibu fil-baħar fond, żgur se jolqotkom l-artiklu ferm interessanti fuq l-ispeċi ta' ħut li huma meqjusa aljeni fil-Baħar Mediterran. Aqraw l-artikli li nsibu f'paġni 5 u 26 biex tifhmu aħjar ix-xogħol li qed isir mill-Malta Food Agency u mid-Direttorat għas-Sistemi tal-Ikel biex il-prodott u l-ikel lokali jingħataw iktar valur. L-ewwel intervista ta' din is-sena se tlaqqagħna mal-ewwel mara f'din ir-rokna, b'xogħol ferm importanti u iebes, id-Direttur għall-Operat Estelle Bonello Sant.

Bħal dejjem se ssibu artikli oħrajn fuq il-ħarsien tal-pjanti, il-ħarsien tal-annimali u r-rokna tat-tfal li bit-tema tar-rebbiegħa din id-darba se tlaqqagħna ma' Alice Ann Steer u l-imħabba tagħha lejn il-fniek. Nispera li ħeġġiġtkom tkomplu taqraw din l-edizzjoni, filwaqt li nfakkarkom tingħaqdu magħna fuq il-paġni uffiċjali tal-Facebook biex issegwu l-aħħar aħbarijiet u proġetti li jkunu għaddejjin. Tistgħu wkoll tagħmlu kuntatt magħna dirett fuq l-indirizz elettroniku nisgetartna.mafa@gov.mt.

Tislijiet,
**Gabriella Farrugia**


Nisġet artna

**Pubblikazzjoni maħruġa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, it-Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni • Agriculture Research and Innovation Hub L-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303**




Ritratt meħud minn Kevin Farrugia minn G Media

*Editur*
Gabriella Farrugia

*Qari tal-provi*
Proofreading Malta

*Kontributuri*
Claudia Cutajar
Kyle Abela
Robert Cutajar
Daryl Agius
Jeffrey Sciberras
Arnold Sciberras
Bjorn Azzopardi
Neville Sultana
Dr Marielise Tabone
Claire Cauchi
Joseph Jason Abela
Emma Cutajar
Stephen Spiteri
Daniela Farrugia
Sharon Scerri
Alice Anne Steer

*Stampar*
Government Printing Press

GOVERNMENT Printing Press

*Disinn*
Salesian Press

Salesian PRESS QUALITY PRINTERS

# MESSAĠĠ MINGĦAND IL-MINISTRU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



Insellmilkom f'din l-ewwel ħarġa ta' Nisġet Artna għall-2024, għall-istaġun tar-rebbiegħa.

Nistqarr li ninsab kommoss bil-fiduċja li reġa' wera fija l-Prim Ministru Robert Abela sabiex immexxi dan il-Ministeru ferm għal qalbi u ntenni l-impenn tiegħi biex inkompli nsarraf din il-fiduċja f'aktar ħidma u riformi kruċjali għas-setturi tal-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

Ninnota kif flimkien wettaqna bosta miżuri u inizjattivi favur dawn is-setturi. Insemmi fost l-oħrajn it-twaqqif tal-Aġenzija Riżorsi Agrikoli Malta, li hija parti mir-riforma tant bżonjuża u kruċjali tar-raba'. Din l-aġenzija primarjament hija responsabbli mill-ħarsien tal-art agrikola, kemm biex tibqa' tiġi kkultivata u maħduma mill-bdiewa, kif ukoll biex tiġi garantita s-sostenibbiltà tal-biedja, il-produzzjoni tal-ikel u l-ħarsien tal-ambjent rurali.

Fejn jidħol is-sajd, rajna kif permezz ta' ftehim li sar, pajjiżna issa qiegħed jesporta t-tonn lejn iċ-Ċina u b'hekk is-sajjieda Maltin għandhom iċ-ċans li jesportaw lejn dan is-suq enormi u b'potenzjal bla limiti. Fl-istess xahar ħadt sehem ukoll fil-konferenza Nazzjonali fuq is-siġar taż-żebbuġ organizzata mill-koperattiva ta' dawk li jkabbru s-siġar taż-żebbuġ, fejn rajt l-entużjażmu u l-interess b'saħħtu li għandna f'pajjiżna għal dawn is-siġar. Bħal f'setturi oħrajn, lesti nkomplu nisimgħu u naħdmu flimkien sabiex naraw li l-prodott lokali jibqa' jkun ta' kwalità.

Bħala parti mill-ħidma tagħna, nedejna wkoll it-tieni edizzjoni tal-Programm Let's Talk Farming, filwaqt li ġew ippreżentati l-premjijiet lil dawk l-iskejjel li rebħu fl-ewwel edizzjoni tal-programm. Tellajna wkoll it-tielet edizzjoni tal-Animal Honours Awards li kienet ta' suċċess, fejn tajna r-rikonoxximent meħtieġ lil dawk li jaħdmu bla heda lejn il-ħarsien tal-annimali.

Komplejna wkoll il-ħidma b'rabta mal-Pjan Nazzjonali għall-Ikel Organiku hekk kif waqt workshop ġbarna taħt saqaf wieħed diversi produtturi, proċessuri, chefs, retailers, operaturi ta' lukandi u supermarkets, kif ukoll assoċjazzjonijiet u kmamar tar-rappreżentanti.

Sadanittant, kompliet ukoll il-ħidma tagħna fuq livell internazzjonali. Fil-Kungress Euroseeds tkellimt fuq il-ħidma f'Malta li nsaħħu l-għarfien u l-apprezzament lejn il-prodott Malti, li nassiguraw vijabilità aktar b'saħħitha fil-produzzjoni lokali, u li nibnu sisien sodi għall-ġejjieni.

Il-pjan tagħna hu wkoll li jkollna regolatur li jassigura l-provista denja u sigura tal-ikel. Dan il-pjan sar fl-isfond tal-proġetti l-oħra li qed infasslu u nippjanaw. F'Ottubru, f'pajjiżna lqajna diversi stati li jiffurmaw parti minn dik li hi magħrufa bħala l-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran, il-GFCM. Waqt diversi laqgħat, iddiskutejna inizjattivi li joħorġu mid-dikjarazzjonijiet iffirmati mill-istess pajjiżi fis-snin riċenti. Mill-ewwel dikjarazzjoni sal-lum saru avvanzi kbar fis-sajd u l-akwakultura fil-Mediterran. Madanakollu wieħed ma jistax jinjora l-isfidi tal-pandemija u anke d-diżastri naturali li seħħew fir-reġjun. Minkejja kollox, dan m'għandux iżommna 'l bogħod milli nkomplu naħdmu u niddiskutu kollaborazzjoni bejn il-pajjiżi sabiex naqsmu flimkien informazzjoni xjentifika li tgħin fl-immaniġġjar ta' prattiċi ta' sajd sostenibbli, kemm għall-komunitajiet kbar, kif ukoll għall-ekosistemi żgħar bħal ta' pajjiżna.

Inħares 'il quddiem għax-xhur li ġejjin. Żgur li sejrin ikomplu jissarrfu f'aktar ħidma favur il-bdiewa, ir-raħħala, is-sajjieda, u fuq kollox favur dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-annimali tagħna.

Grazzi,

Anton Refalo

*Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali*



# MESSAĠĠ MINGĦAND IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

## IMPENN, ENERĠIJA U RIŻULTATI

Għeżież qarrejja,

L-ewwel ftit xhur ta' din is-sena kien perjodu ferm impenjattiv. Ħadna l-opportunità ta' mistrieħ u riġenerazzjoni li offrewlna l-Milied u s-Sena l-Ġdida, biex b'enerġija u b'determinazzjoni ikbar, inkomplu nniedu inizjattivi ġodda għall-benefiċċju ta' pajjiżna.

Bdiet il-ħidma fuq l-entità ġdida Aquatic Resources Malta, hekk kif imħabbra waqt id-diskors tal-Baġit f'Ottubru li għadda. Matul dawn l-aħħar ġimgħat, bdejna ngħammru lil din l-entità bir-riżorsi finanzjarji u amministrattivi kollha neċessarja. Din l-entità se tkun qiegħda taħdem fuq diversi proġetti importanti, fosthom it-tfaqqis ta' speċi differenti, u s-sostenibbiltà ta' speċi eżistenti fl-ibħra tagħna fosthom ir-rizzi.

Għal sena oħra, ħabbarna estensjoni tal-kumpens finanzjarju li se jingħata lis-sajjieda minħabba ż-żieda tal-prezzijiet tal-fuel tad-dgħajjes. Hekk kif mas-sena li għaddiet assigurajna kumpens totali ta' €1.7 miljun lil dawn is-sajjieda, din is-sena se ninvestu ammont simili.

L-għaqal ta' din l-inizjattiva ntwera fl-aħħar stħarriġ tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura. Ir-riżultati l-iktar aġġornati juru li l-bejgħ dirett mill-Pixkerija matul is-sena li għaddiet laħaq il-565 tunnellata, b'valur totali ta' €3 miljun. Meta wieħed iqis dawk mibjugħin fit-total, dan l-ammont jaqbeż l-2000 tunnellata, b'rendikont finanzjarju totali ta' €13-il miljun. Dan huwa ammont sinifikattiv, li mingħajr din l-iskema tant importanti li nedejna, setgħu jiġu mminati.

Ħabbarna wkoll edizzjoni ġdida tal-Agrifair, liema fiera se sseħħ ftit ġimgħat oħra fit-tieni ġimgħa ta' April. Nedejna wkoll one-stop shop ġdid ġewwa l-Għammieri. Dan se jkun għodda kruċjali għas-sajjieda, bdiewa u raħħala tagħna. Irridu wkoll inkomplu nipprovdu l-għajnuna loġistika kollha neċessarja biex nappoġġjaw ix-xogħol tant siewi u importanti li qiegħed isir fil-komunitajiet tagħna. Grazzi għal dan l-istabbiliment ukoll, se nkomplu nissimplifikaw l-aċċess għall-fondi Ewropej, kif ukoll is-servizzi kollha lokali.

Ma nistgħux insemmu wkoll il-kampanji edukattivi li qegħdin inwettqu fi ħdan l-iskejjel u l-komunitajiet tagħna. Kuntenta li kont preżenti għat-tnedija tal-ktieb "L-istorja ta' Molly", ktejjeb ħelu indirizzat lill-istudenti tagħna, li jisħaq fuq ħafna elementi marbutin mal-ħarsien tal-annimali, fosthom il-Five Freedoms, l-għajnuna li joffru l-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Annimali, kif ukoll li ninkoraġġixxu l-addozzjoni tal-annimali.

Kien permezz ta' kampanji bħal dawn, li matul is-sena li għaddiet, mal-430 kelb abbandunat ġie adottat. Grazzi għall-ħidma tal-volontiera, NGOs u anke d-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Annimali, iktar minn kelb kuljum ingħata opportunità ġdida, ma' familja li kienu lesti jtuh l-imħabba u l-għożża li jixraq.

U la semmejna l-adozzjoni, ma nistax ma nesprimix ir-ringrazzjament tiegħi lejn dawk kollha li pparteċipaw f'Festa Annimali, ċelebrazzjoni li ġabret flimkien lil diversi voluntiera, sidien ta' annimali, kif ukoll il-pubbliku inġenerali f'post wieħed. Kburija wkoll li bil-fondi li nġabru waqt din l-inizjattiva, tajna numru ta' donazzjonijiet bżonjużi lil diversi NGOs li kienu preżenti waqt Festa Annimali.

Ħbieb, dan li wettaqna flimkien qiegħed iħalli legat importanti, kemm fl-immedjat, kif ukoll għall-futur. Hekk kif inħares lejn dawn l-aħħar ġimgħat b'sodisfazzjon, nibqa' ottimista għal staġun ieħor ta' ħidma, u impenn favur iċ-ċittadini kollha Maltin u Għawdxin.

Magħkom, u tagħkom,

Alicia Bugeja Said

*Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali*










# IKTAR VALUR GĦALL-PRODOTT TAL-IKEL MALTI

*Kitba ta' Justin John Camilleri – Chief Business Development Officer*



*Waqt l-ixprunar tal-proġett pilota ta' żviluppar għal tikketta li tidentifika stabbilimenti tal-ikel li jużaw minn prodott lokali.*

Aġenzija Malta Food li ġiet stabbilita fl-2021, għandha l-għan li tivvalorizza u tippromovi l-prodotti tal-ikel lokali. Dan qed isir permezz ta' proċess estensiv ta' trasformazzjoni msejjes fuq tliet pilastri: is-swieq, business development u diġitalizzazzjoni.

Dawn l-inizjattivi huma kollha mnebbħa mill-missjoni tal-aġenzija, li b'mod ċar tagħti prijorità lill-ħidma favur il-prodott tal-ikel Malti, li tirriżulta fil-ġid, kemm għall-produttur lokali, kif ukoll għall-bejjiegħ u finalment il-konsumatur.

L-Aġenzija temmen li s-swieq tal-ikel għandhom ikunu aċċessibbli u effiċjenti. Għalhekk saret ħidma sabiex ġiet elevata l-esperjenza tax-xerrejja, il-produtturi u l-bejjiegħa, fil-Pitkalija u l-Pixkerija. Sar investiment konsiderevoli fl-infrastruttura u t-tagħmir neċessarju għall-ħidma ta' dawn iż-żewġ postijiet ċentrali għas-suq tal-ikel Malti.

Ingħatat ukoll prijorità lill-Farmers Market, permezz ta' riorganizzazzjoni ta' dak f'Ta' Qali filwaqt li twaqqaf wieħed ġdid fil-Birgu. Dawn l-inizjattivi jipprovdu pjattaforma ta' bejgħ dirett bejn il-bdiewa u l-konsumaturi ddedikati tagħhom. Iżjed pjanijiet għall-investiment huma mfassla għall-futur.

Il-ħolqa bejn min ibigħ u min jixtri hija fundamentali sabiex jiġi żgurat li l-konsumatur igawdi minn prodott Malti frisk u superjuri.

Fiċ-ċentru tal-Aġenzija Malta Food, hemm unit speċjalizzat li jiskopri u jħeġġeġ modi ġodda ta' negozju sabiex jesponi l-prodotti tal-ikel Malti fuq swieq ġodda, kemm lokali, kif ukoll 'il bogħod minn xtutna. L-Unità għall-Iżvilupp tan-Negozju fil-fatt tidentifika opportunitajiet ta' promozzjoni u esportazzjoni li tassew jivvalorizzaw il-prodott Malti. Nemmnu fil-prodott lokali, tant li konvinti li jista' jikkompeti b'mod tajjeb ħafna fuq is-swieq internazzjonali, u b'mod li jagħmel ġieħ lill-ħidma kollha li jinvolvi.

Din il-ħidma wkoll toħroġ mill-viżjoni tal-aġenzija li tħares li jiġu mwassla prodotti ta' kwalità u ta' valur fi swieq differenti, bi prijorità li jiġu stabbiliti swieq kummerċjali ġodda u diversifikati għall-prodotti Maltin tal-ikel.

Permezz tad-Diġitalizzazzjoni, il-Malta Food Agency qed tgħin lill-industrija tal-ikel lokali sabiex tkun kapaċi taħtaf l-opportunitajiet tas-Seklu XXI. Permezz tal-użu aħjar tat-teknoloġija qed ngħinu lill-produtturi jtejbu l-aċċessibbiltà għall-prodotti tagħhom, u jżidu t-trasparenza u l-kontabilità – valuri li huma ferm apprezzati fis-swieq tal-lum.

Għalhekk qed naħdmu sabiex noħolqu tikketta li tidentifika l-prodott lokali minn oħrajn. Dan se jwassal biex il-prodott lokali tassew ikun rikonoxxut għall-kwalità superjuri tiegħu. Din it-tikketta tkun disponibbli kemm fil-livell tax-xiri mill-ħwienet, kif ukoll għal ristoranti u azjendi agroturistiċi li jikkomettu ruħhom li jservu prodotti tal-ikel frisk jew b'metodi li jħallu l-inqas impatt fuq l-ambjent naturali.

Din l-inizjattiva tingħaqad ma' proġett interessanti ieħor li jiġu rreġistrati l-ewwel prodotti Maltin bħala Protected Designation of Origin, fejn inbeda l-proċess t'applikazzjoni għall-Ġbejna tan-Nagħaġ, il-Mazzit, Bidnija Extra Virgin Olive Oil u Żejt ta' Malta Extra Virgin Olive Oil. Dan qed isir f'komunikazzjoni u konsultazzjoni mal-produtturi, mal-bdiewa u r-raħħala tagħna, sabiex bi sħab ma' għaqdiet u koperattivi lokali, niċċelebraw u nippromovu l-prodott Malti.

1 *Żejt taż-żebbuġa lokali f'tasting session ġewwa l-Ġappun waqt fiera Internazzjonali*
2 *Stand ta' Malta ġewwa ċ-Ċina fejn ġie ppromovut it-Tonn Malti flimkien ma' prodotti tal-ikel lokali*
3 *Uniformi ġdida għall-bejjiegħa ġewwa l-Farmers Market*



*Prodotti t'ikel lokali waqt l-esebizzjoni li ġiet imtellgħa ġewwa l-Parlament ta' Malta fl-okkażjoni tal-Jum Dinji għall-ikel*





# XYLELLA FASTIDIOSA

*Kitba ta' Claudia Cutajar – Uffiċjal Agrikolu*




*Poster parti mill-kampanja ta' għarfien rigward is-saħħa tal-pjanti mnedija mill-PPD b'kollaborazzjoni mal-Agenzija EFSA*

*Xylella fastidiosa* huwa batterju li jinfetta għadd kbir ta' pjanti ospitanti fosthom siġar taż-żebbuġ, ċitru, dwieli u lewż. Fl-Ewropa, l-infezzjoni nstabet għall-ewwel darba fir-reġjun ta' Puglia fl-Italja, f'Ottubru tal-2013, u minn hemm infirxet lejn pajjiżi Ewropej oħra fosthom partijiet fi Franza u Spanja. Il-kundizzjonijiet lokali huma favorevoli għall-istabbiliment tal-pesti u għalhekk, jekk preżenti, x'aktarx li jinfirex malajr. M'hemm l-ebda kura għal din il-marda u għalhekk kwalunkwe pjanta infettata trid titneħħa u tinħaraq. S'issa dan il-batterju ma nstabx fit-territorju Malti.

L-iktar sintomu karatteristiku tal-*Xylella fastidiosa* huwa n-nixfa u t-twaqqigħ tal-weraq, li jwasslu għall-mewt tas-siġra. Iżda dan ma jfissirx li siġra infettata bilfors se turi sintomi. Fil-fatt ħafna mill-pjanti ospitanti ma juru l-ebda sintomu.

L-imxija ta' din il-marda ssir l-iktar permezz ta' insett komuni ħafna jismu *Philaenus spumarius*, magħruf ukoll bħala meadow froghopper. Dan l-insett jiekol varjetà kbira ta' pjanti u jġorr il-batterju minn siġra għall-oħra. Għalkemm il-batterju qatt ma nstab Malta, dan l-insett huwa magħruf fl-ambjent Malti. Mod ieħor kif tinxtered din il-marda huwa permezz tal-użu ta' għodda taż-żbir u tilqim fuq pjanti infettati.

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti pproġetta li jiġbor 1000 kampjun għal *Xylella fastidiosa* fl-2022, kemm mill-kummerċ, kif ukoll fil-ġonna taż-żebbuġ. Sal-aħħar ta' Marzu 2022, is-Settur tal-Monitoraġġ u Kontroll ġabar 190 kampjun minn pjanti ospitanti. Dawn il-kampjuni nġabru għal *Xylella fastidiosa* u wara ttestjar fil-laboratorju, ma rriżultaw ebda kampjuni pożittivi.

Is-Settur tal-Monitoraġġ u Kontroll ħa wkoll 12-il kampjun miġbur bil-koppijiet, u l-vettur *Philaenus spumarius* ma nstab fl-ebda wieħed mill-kampjuni miġbura. Il-kampjuni ġew analizzati minn entomoloġist professjonali. Dan ix-xogħol isir skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1201 tal-14 ta' Awwissu 2020 għall-miżuri ta' prevenzjoni tal-introduzzjoni u firxa fl-Unjoni ta' *Xylella fastidiosa.*

Il-pubbliku huwa mħeġġeġ li meta jixtri pjanti ospitanti ta' *Xylella*, jiżgura li huma ttikkettjati u ċċertifikati ħielsa minn din il-pesta tal-pjanti. Apparti minn dan, huwa importanti li ma jinġibux pjanti minn barra minn Malta fil-bagalji sakemm dawn ma jkunux akkumpanjati miċ-ċertifikati neċessarji.




*Kampanja ta' għarfien imnedija mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija EFSA dwar il-konsegwenzi tal-pjanti importati*

*Ritratt ta' fuq ix-xellug: Sintomi ta' Xylella fastidiosa fuq siġra taż-żebbuġ. Ritratt tan-nofs: Sintomi ta' Xyllela fastidiosa fuq dwieli*
*Ritratt ta' fuq il-lemin: P. spumarius – il-vettur tal-batterju Xylella fastidiosa*




# EKOSKEMI GĦAL BIEDJA SOSTENIBBLI

*Kitba ta' Kyle Abela – Manager 1 – ARPA*

F'dan l-artiklu se nagħtu ħarsa lejn uħud mill-iskemi maħruġin mill-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni għal Malta 2023-2027 u l-għajnuna finanzjarja pprovduta minnhom għall-benefiċċju tal-bdiewa tagħna. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) għalqet is-sena 2023 bit-tnedija ta' perjodu eċċezzjonali tat-talba bejn il-15 ta' Novembru u l-15 ta' Diċembru biex il-bdiewa jkollhom l-opportunità li japplikaw għal erba' Ekoskemi skont il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-Unjoni Ewropea.

Dawn l-erba' Ekoskemi li jaqgħu taħt il-Pjan Strateġiku tal-PAK għal Malta 2023-2027, jindirizzaw numru ta' għanijiet ambjentali u klimatiċi importanti fil-qasam tal-agrikoltura u l-biedja u jipprovdu għajnuna finanzjarja sabiex jitwettqu prattiċi agrikoli kif ġejjin:

### Ġestjoni Integrata tal-Pesti (IPM)

Din l-iskema tipprovdi għajnuna finanzjarja lill-bdiewa sabiex iwettqu prattiċi ta' ġestjoni integrata tal-pesti (IPM) li nsibu fil-gżejjer Maltin. Il-bdiewa jridu jsegwu approċċ integrat agrikolu, filwaqt li jiġu pprovduti b'għarfien aħjar u x'soluzzjonijiet jistgħu japplikaw għal problemi speċifiċi. Il-benefiċjarji huma mitluba jipprovdu pjan għall-ġestjoni integrata tal-pesti li jkun maħruġ minn servizz ta' konsulenza tal-biedja rikonoxxuta, skont id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti.

### Ħsad bikri ta' meded ta' aktar minn speċi waħda (MSS)

Din l-iskema tippromovi l-ħsad bikri tal-foraġġ u għalf filwaqt li fl-istess ħin tipprojbixxi l-użu ta' fertilizzanti sintetiċi. Din l-iskema tappoġġja prattiċi iktar sostenibbli li jibbenefikaw il-kwalità tal-arja, is-saħħa tal-ħamrija, u s-sistemi tal-ikel lokali u s-suq. Wieħed mill-impenji tal-bdiewa rigward din l-iskema hi li jiddikjaraw it-tip tal-uċuħ li jinkludu mill-inqas żewġ għelejjel eleġibbli differenti tat-tip *Gramineae* u *Leguminosae*.

### Raba' li jinħadem għal elementi mhux produttivi (NPE)

L-għan ta' din l-iskema huwa li tiġi rkuprata s-saħħa tal-ħamrija filwaqt li tippromovi prattiċi sostenibbli. Dan isir billi tipprovdi għajnuna finanzjarja sabiex il-bdiewa jallokaw minimu ta' 7% tar-raba' li jaħdmu, għal art mistrieħa. Dan ukoll jinkludi ż-żamma ta' żoni mhux produttivi u l-ġestjoni sostenibbli tagħhom.

Materjali ta' propagazzjoni ċċertifikat reżistenti għall-patoġeni u kultivazzjoni ta' wċuħ tar-raba' jew varjetajiet ta' pjanti b'inqas domanda għall-ilma (CPM). Din l-iskema tippromovi l-użu ta' materjali li huma ċċertifikati reżistenti għall-patoġeni u mard, flimkien mal-kultivazzjoni tar-raba' u pjanti b'inqas domanda għall-ilma. Il-bdiewa huma mitluba jiddikjaraw it-tip tal-uċuħ u liema mill-varjetajiet ta' pjanti vverifikati mill-bord se jkunu qed jikkommettu għalihom. Dan l-impenn irid jiġi ddikjarat għal sena waħda konsekuttiva, waqt li jridu jiġu użati materjali tal-pjanti reżistenti għall-patoġeni tul l-istadji kollha, miż-żrieragħ sat-tilqim, biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-għelejjel.

Tajjeb insemmu wkoll li l-Aġenzija organizzat numru ta' laqgħat ta' informazzjoni għall-bdiewa matul dan il-perjodu eċċezzjonali li matulhom twasslet l-informazzjoni kollha meħtieġa minn dawk interessati li japplikaw taħt dawn l-iskemi.

Madankollu, jekk tixtieq aktar informazzjoni rigward dan kollu jew dwar skemi oħra amministrati mill-Aġenzija, nistidnuk iżżur is-sit elettroniku tal-ARPA www.arpa.gov.mt fejn tkun tista' taċċessa wkoll linji gwida dettaljati. Barra minn hekk tista' wkoll tagħmel kuntatt magħna billi ċċempel lill-Front Office tal-ARPA fuq 2292 6148, jew permezz ta' email mibgħuta lil arpa.mafa@gov.mt.

*Ritratti ta' fuq: Miżura għall-Ġestjoni Integrata tal-Pesti*




# INĦARSU 'L QUDDIEM GĦAL AKTAR ĦIDMA FAVUR L-ANNIMALI MATUL L-2024

*Kitba ta' Robert Cutajar – Prinċipal fi ħdan id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali*

Il-ħidma konġunta mwettqa tul l-2023 bejn id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali u l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali tawgura tajjeb għas-sena l-ġdida. Fl-2023 kellna l-ewwel esperjenza ta' kollaborazzjoni bejn dawn iż-żewġ entitajiet waqt żjarat fl-iskejjel, fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum għall-Anzjani, kif ukoll parteċipazzjoni f'attivitajiet popolari organizzati mill-Kunsilli Lokali u mill-Għaqdiet mhux Governattivi (NGOs). Ħidma li wasslet għal użu ferm aktar effettiv u effiċjenti tar-riżorsi disponibbli. Din il-parteċipazzjoni fissret ukoll tisħiħ fir-relazzjoni ta' bejn l-Għaqdiet u l-Awtoritajiet.

### L-edukazzjoni u l-informazzjoni fost il-prijoritajiet ewlenin

Matul l-2023, rajna li l-edukazzjoni u l-informazzjoni jkunu l-għodod ewlenin tagħna biex wassalna l-messaġġ favur aktar għarfien fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali f'pajjiżna. Qegħdin nippjanaw li matul l-2024 inkomplu nintensifikaw aktar din il-ħidma, anke permezz ta' tisħiħ ta' dawn l-għodod.

Fil-fatt għandna ppjanati aktar żjarat f'postijiet pubbliċi (ngħidu aħna aktar skejjel u l-parteċipazzjoni mill-ġdid waqt SkolaSajf 2024) u parteċipazzjoni f'attivitajiet varji – kemm dawk li jsiru fuq skala lokali, kif ukoll




*Wieħed mill-iStands imtella' mid-Direttorat flimkien mal-Uffiċċju tal-Kummissarju waqt waħda mill-attivitajiet organizzati mill-NGOs fl-aħħar xhur*

*Ritratt ta' fuq: Is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Alicia Buġeja Said waqt it-tnedija tal-ktieb "L-Istorja ta' Molly"*
*Ritratt fil-ġenb: Il-faċċata tal-aħħar pubblikazzjoni bl-għan li żżid l-għarfien dwar il-ħarsien tal-annimali fost l-istudenti*

dawk nazzjonali. Minbarra dawn iż-żjarat edukattivi, il-Ministeru, flimkien mas-Segretarjat fi ħdan l-istess Ministeru responsabbli mid-drittijiet tal-annimali, qed jappoġġjaw ukoll dejjem aktar pubblikazzjonijiet għat-tfal.

Fil-fatt, wara li f'Awwissu tas-sena l-oħra tnediet it-tieni ħarġa tal-ktieb "Aħna t-Tfal Ħbieb tal-Annimali", li kien jikkonsisti minn kitbiet tat-tfal li attendew fi SkolaSajf, ftit tal-ġimgħat ilu ġiet imnedija pubblikazzjoni ġdida bil-Malti u bl-Ingliż bl-isem ta' "L-Istorja ta' Molly". Bħalissa għaddejja ħidma biex aktar tard din is-sena tiġi mnedija t-tielet ħarġa ta' "Aħna t-Tfal Ħbieb tal-Annimali".

Barra minn dan, matul is-sena li għaddiet ġiet imnedija wkoll paġna ġdida fuq il-Facebook bl-isem ta' Animal Welfare Malta. Aktar ma jmur, din il-paġna qed iżżid il-popolarità tagħha u b'hekk qed ikollna aktar viżitaturi li waqt li jżuru l-paġna, isegwu dak kollu li jkun ġie mtella'.

### Stedina miftuħa lill-Għaqdiet u l-Kunsilli Lokali

Id-Direttorat jixtieq jerġa' jfakkar, anke permezz ta' dan l-artiklu, lid-diversi għaqdiet mhux Governattivi u l-Kunsilli Lokali f'pajjiżna li ninsabu disposti li nieħdu sehem fl-attivitajiet li jiġu organizzati minn żmien għal żmien.
Kull min hu interessat li jinvolvina f'xi attività għandu ġentilment jibgħat email fuq robert.a.cutajar@gov.mt.




*It-Tieni edizzjoni tal-ktieb "Aħna t-Tfal Ħbieb tal-Annimali" li fl-aħħar ġimgħat tqassam fil-libreriji kollha fl-iskejjel Primarji ta' Malta u Għawdex*




# L-ALJENI, ĦBIEB JEW GĦEDEWWA?

*Daryl Agius – Uffiċjal Xjentifiku, Unità tar-Riċerka tas-Sajd*

## Introduzzjoni

l-kelma "aljeni" is-soltu nassoċjawha ma' films tal-fantaxjenza jew ma' riċerka spazjali. Illum il-ġurnata din il-kelma qed ikollha tifsira oħra kemxejn differenti, hekk kif il-Baħar Mediterran, fost ibħra oħra, qed jaffaċċja forma oħra ta' aljeni li mhux ġejjin mill-ispazju ... imma minn ibħra tal-madwar.

## Il-wasla tal-aljeni

Dawn l-aljeni huma ħlejjaq bijoloġiċi li jimxu minn baħar għal ieħor bl-għajnuna tal-bniedem. Il-bniedem jista' jġorr dawn l-ispeċi b'ħafna modi, fosthom fl-ilma tas-saborra, fuq il-bwieq tad-dgħajjes u anke speċi li jaħarbu minn akkwarji. L-akbar vettura tal-ispeċi aljeni hija l-famuż Kanal ta' Suez, li huwa kanal artifiċjali mibni biex joffri rotta diretta għall-vapuri kummerċjali minflok iduru d-dawra kollha tal-Afrika. Dan il-kanal jibda mill-Baħar l-Aħmar u jibqa' sejjer sa Port Said fl-Eġittu, li jinsab fil-Lvant tal-Mediterran. Dan il-kanal infetaħ għall-ewwel darba fis-sena 1869 u jidher li madwar 54% tal-ispeċi aljena kollha jiddaħħlu minn hemm bi proċess li jissejjaħ "Lessepsian migration". Speċi li jidħlu naturali mill-istrett ta' Ġibiltà ma jitqisux bħala speċi aljena, imma bħala range expanders.

## L-Impatt negattiv u pożittiv tal-ispeċi aljeni

Ħafna mill-ispeċi aljeni li jiġu introdotti jispiċċaw ma jadattawx għaż-żona ġdida tagħhom u jinqerdu wara ftit żmien. Din tista' tkun għal ħafna raġunijiet, fosthom it-tibdil fil-karatteristiċi tal-baħar (eżempju t-temperatura u s-salinità) u aspetti bijoloġiċi (eżempju nuqqas ta' ikel, predazzjoni u kompetizzjoni mitlufa ma' speċi lokali). Min-naħa l-oħra, ċerti speċi jadattaw ruħhom għaż-żona l-ġdida u n-numri jibdew jiżdiedu. Speċi bħal dawn insejħulhom invażivi.

Normalment, l-impatt ta' dawn l-ispeċi huwa wieħed negattiv, kemm fuq l-ekosistema u anke fuq in-nies tal-lokal. Il-lionfish (*Pterois miles*) hija speċi aljena mill-familja tal-iskorfon. Hija magħrufa li tirbaħ il-kompetizzjoni ma' speċi lokali kif rajna f'pajjiżi tal-Karibew. Apparti minn hekk, din l-ispeċi hi magħrufa li għandha xewka velenuża li tista' tikkawża wġigħ kbir fil-vittma. Speċi ta' pufferfish, fosthom is-silver-cheeked toadfish (*Lagoscephalus sceleratus*) u l-blunthead puffer (*Sphoeroides*



*Ritratt ta' Blunthead puffer minn Malta. Meħud fil-laboratorju tal-Unità tar-Riċerka tas-Sajd*



*Tiswijiet ta' ħsarat ġo powerstation ikkawżati min-Nomad jellyfish ġo Iżrael. Meħud minn https://www.haaretz.com/israel-news/2017-06-28/ty-article-magazine/in-photos-swarms-of-jellyfish-clog-israeli-power- plant-by-the-ton/0000017f-e802-df5f-a17f- fbde8b590000*



Ritratt ta' lionfish mit-Turkija. Meħud minn https://www.researchgate.net/publication/263084823_First_record_of_the_Indo-Pacific_lionfish_Pterois_miles_Bennett_1828_Osteichthyes_Scorpaenidae_for_the_Turkish_Mediterranean_coast/figures?lo=1

*pachygaster*), huma velenużi biex tikkonsmahom u jistgħu jwasslu anke sal-mewt. Speċi oħra bħan-Nomad jellyfish (*Rhopilema nomadica*) hija problema kbira ta' inkonvenjenza. Meta jkun hemm numri kbar minnhom ġewwa Iżrael, il-powerstations viċin tal-baħar jieqfu jaħdmu minħabba li dan il-bram jiġi miġbur mal-ilma baħar (li jintuża bħala coolant) u jwaħħal is-sistema li jista' jwassal għall-qtugħ tad-dawl u ħsarat ġol-powerstation.

Però l-ispeċi invażivi jistgħu jkunu ta' vantaġġ. Il-lionfish (*Pterois miles*) li semmejna fil-paragrafu ta' qabel għandha laħam tajjeb ħafna għall-ikel u hi meqjusa bħala ħuta fina f'pajjiżi bħal Ċipru u l-Greċja. Apparti minn hekk, speċi bħal-lionfish huma sbieħ fl-għajn u b'hekk jattira ċerti għaddasa u dilettanti tal-baħar. L-ispeċi aljeni jistgħu jkunu sors ta' ikel ġdid għal speċi lokali. Eżempju ta' dan huwa r-Red Sea goatfish (*Parupeneus forsskali*) li huwa sors ta' ikel għal speċi bħal imrejjen u ħut pelaġiku.

### Il-każ tal-granċ il-blu, *Portunus segnis*

Il-granċ blu tal-ispeċi (*Portunus segnis*) huwa wieħed mill-aktar speċi aljena li invadiet l-ibħra tagħna b'suċċess kbir. Din l-ispeċi ġiet irrekordjata l-ewwel darba f'Malta fl-1972; però bdiet tiżdied fin-numri mill-2015. Din l-ispeċi ġejja mill-Baħar Indjan u hu maħsub li waslet fil-Mediterran mill-Kanal ta' Suez. Fis-snin li ilha hawnhekk, din l-ispeċi żdiedet fin-numru u nfirxet mal-maġġoranza tal-bajjiet ramlin fil-Lvant tal-pajjiż, miż-żoni ta' Marsaxlokk sal-Għadira fil-Mellieħa. Il-granċ il-blu huwa magħruf għall-invażjonijiet anke f'pajjiżi oħra fosthom it-Tuneżija u l-Italja.

Bħala speċi opportunista, il-granċ il-blu jiekol dieta varjata li jinkludi ħut, krustaċji (anke kannibaliżmu), molluski, dud u anke ħaxix tal-baħar. Apparti minn hekk, biex jirriproduċi għandu bżonn temperaturi għoljin tal-baħar. Dawn iż-żewġ fatturi għenu lil din l-ispeċi tinvadi ċerti żoni fl-ibħra Maltin u tirbaħ il-kompetizzjoni ma' speċi simili lokali. L-imqass tal-granċ il-blu huwa b'saħħtu u jista' jweġġa' lis-sajjied u jagħmel ħsara kbira lill-irkaptu tas-sajd (fosthom ix-xbieki tal-parit).

Il-mistoqija li tinqanqal hija: x'vantaġġi hemm fi speċi bħal dan? Il-granċ il-blu huwa tajjeb ħafna għall-ikel peress li fih ħafna laħam u mimli proteina meta tikkumparah ma' speċi oħra ta' granċijiet. It-Tuneżija ħolqot industrija sħiħa minn dan il-fatt u bl-għajnuna ta' dan il-granċ inħolqu ħafna opportunitajiet ta' impjiegi ġodda għan-nies tal-lokal, speċjalment għas-sess femminili. Il-granċ il-blu qed jiġi esportat f'pajjiżi oħra u b'hekk qiegħed jgħin l-ekonomija tal-pajjiż.

### Konklużjoni

Malta qiegħda f'post tajjeb ħafna fiċ-ċentru tal-Mediterran u b'hekk tagħmilha importanti ħafna fir-riċerka ta' speċi aljeni hekk kif jimxu bil-mod il-mod mil-Lvant għall-Punent tal-Mediterran. Sfortunatament riċerka fuq il-bijoloġija ta' dawn l-ispeċi u l-irwol tagħhom fl-ekosistema tagħna hija limitata għal ħafna fatturi. It-tim tal-bijoloġija tal-Unità tar-Riċerka tas-Sajd, fi ħdan id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura, jidentifika u jżomm rekord ta' parametri bijoloġiċi ta' speċi aljeni li nsibu madwar l-ibħra tagħna. Is-soltu niltaqgħu ma' dawn l-ispeċi kemm mill-onboards li nagħmlu matul is-sena, kif ukoll mis-sampling li nagħmlu fuq irkapti differenti tas-sajd.

Id-dibattitu fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-ispeċi aljena tibqa' għaddejja kemm bejn ix-xjenzati u anke bejn in-nies li jġarrbu l-effetti tagħhom ta' kuljum. L-unika ħaġa ċerta hija li dawn l-ispeċi ħa jibqgħu jiġu u ħa jiżdiedu fin-numru hekk kif il-Baħar Mediterran qed jiġi aktar simili tal-baħar lokali tagħhom abbażi ta' parametri mhux bijoloġiċi bħat-temperatura u s-salinità hekk kif f'dawn l-aħħar snin, id-dinja qiegħda tisħon aktar.



Ritratt tal-granċ il-blu minn Malta. Meħud fil-laboratorju tal-Unità tar-Riċerka tas-Sajd



# FTIT SIĠAR MALTIN FIL-FOLKLOR BOTANIKU TAL-GŻEJJER MALTIN

*Kitba ta' Jeffrey u Arnold Sciberras – Riċerkaturi tal-Bijodiversità*

Meta nsemmu l-folklor ta' kwalunkwe pajjiż, dan huwa mezz ta' tifsir ta' ideat u tradizzjonijiet li ġraw jew għadhom iseħħu, ġeneralment assoċjati ma' dak il-pajjiż. Il-folklor joħloq sens ta' identità għall-istorja tal-pajjiż, kif ukoll jista' jirrifletti l-istat ta' fehmiet, żvilupp u politika tal-poplu ġeneriku fit-tali żmien. Diversi affarijiet iwasslu għall-iżvilupp folkloristiku u kulturali ta' pajjiż. Fost l-oħrajn nistgħu nsemmu l-oġġetti, il-ħsibijiet altruwisti, il-fehmiet reliġjużi, fanatiċi u superstizzjużi, il-ġrajjiet storiċi, u oħrajn. Dan ma jeskludix il-flora u l-fawna ta' pajjiżna. Bosta għajdut żviluppaw fuq il-bijodiversità lokali, speċjalment fuq il-fawna tal-Ġżejjer Maltin, u saħansitra nħolqu mostri lokali u superstizzjonijiet. Peress li l-flora hija kważi statika ħdejn il-fawna, inħolqu ferm inqas superstizzjonijiet fuqhom, però għajdut mediċinali huma ġmielhom, li wħud minnhom huma effettivi, iżda oħrajn fittizji.



*Siġra taż-Żebbuġ*

Siġra sinonima mat-tradizzjonijiet reliġjużi f'pajjiżna hija dik taż-żebbuġ. Din is-siġra hija magħrufa ħafna lokalment għat-tbaħħir fid-djar, meta l-weraq niexef kien jinħaraq biex id-duħħan tiegħu jkeċċi l-ispirti mhux mixtieqa fid-djar. Iż-żejt taż-żebbuġ sar popolari fil-fomm, fil-qwiel u fl-idjomi. Dawn huma xi ftit eżempji:

- għal min hu bla mistħija ngħidu bniedem bla żejt f'wiċċu;
- għal meta ssir il-Griżma ngħidu ħalla ż-żejt fil-bieb tal-knisja;
- għal biċċa xogħol iebsa ngħidu ħoll xagħrek u ġib iż-żejt;
- għal meta tinħareġ il-verità ngħidu li ż-zejt tela' f'wiċċ l-ilma;
- għal meta xi ħadd jirnexxilu jagħmel ħsara lil ħaddieħor b'għemilu ngħidu qlieh b'żejtu.

Hemm ukoll id-drawwa li meta xi ħadd kien ixejjer il-friegħi taż-żebbuġ, dan kien jissimbolizza att ta' sinjal ta' paċi.

Siġra oħra popolari fil-kultura tagħna hija r-Rummiena. L-iktar qlajja' popolari tar-rummiena hi li meta jkollna l-ewwel sajjetti fl-aħħar ta' Settembru, speċjalment b'referenza lejn il-festa ta' San Mikiel, in-nies kienu jemmnu li l-beraq ta' San Mikiel kellu s-setgħa li jħammar u jaqsam ir-rummien. Dan



*Ritratt ta' fuq: Fjura tar-Rummiena*

*Frotta tar-Rummiena*

kollu nikkonfermawh fil-qawl 'Il-beraq ta' San Mikiel isajjar u jfellel ir-rummien'. Huwa fatt li r-rummien jinqasam l-iktar fil-ħarifa, u l-kawża ta' dan huwa li l-frotta tixrob ħafna ilma f'daqqa wara n-nixfa tas-sajf. Peress li l-qoxra tkun laħqet immaturat u bbieset, iż-żerriegħa tkun waslet biex tiżviluppa, u bl-ilma provdut ta' wara l-maltempata, iż-żerriegħa tikber f'daqqa u tfaqqa' l-qoxra tal-frotta. Peress li r-rummiena hija siġra ornamentali wkoll, il-proverbju Malti jgħid li 'siġra tar-rummien timlielek il-ġewlaq u żżejjen il-ġnien'. Ir-rummiena wkoll kienet simbolu tal-providenza t'Alla, aktarx minħabba l-virtujiet nutrittivi u mediċinali li fiha. F'żewġ lokalitajiet f'Għawdex, waħda fix-Xagħra u l-oħra fir-Rabat, hemm statwi tal-Madonna bil-Bambin iżomm rummiena f'id waħda. Xi nisa xjuħ kienu jitolbu:

*Madonna tar-Rummien,*
*sawwab fuq id-dar tagħna*
*l-frott tiegħek tal-Ħniena.*

Insibu wkoll ħwejjeġ moħġaġa dwar ir-rummien:

*Bil-għadam, mhix annimal,*
*Bis-snien u ma tigdimx,*
*Ħalqha mbexxaq*
*u ma tidħakx.*

*Kaxxetta bir-rubini,*
*Tabilħaqq li mhumiex fini,*
*Imma huma tal-kulur,*
*Min jinduna kbir duttur.*

*Ħamra Nar,*
*Nar mhijiex,*
*Bil-kuruna f'rasha,*
*Re mhijiex.*

Siġra rari u indigena li wkoll kienet imsemmija fil-bibbja u fil-mitoloġija Griega hija r-Riħan. Diversi nħawi huma magħrufin għar-riħan, bħal Għajn Riħana. Qabel ma bdiet tinxtara t-terra kummerċjali għat-trabi, kien jintuża t-trab tar-riħan, li kien magħmul miz-zkuk nixfin u mitħunin ta' dan l-arbuxell. Dan it-trab kien jissejjaħ 'Raħan'. Kien ukoll jintuża biex isaħħaħ it-trabi, u fl-istess ħin ifewwaħ il-banjijiet tat-trabi. Jekk it-tarbija titwieled dgħajfa, it-trab kien meqjus ineffettiv. Din l-idea tidher ukoll fil-qawl 'Jekk trajbu mħux felħan, għalxejn taħslu bir-raħan'. Fil-fomm Għawdxi, il-qawl 'mhux kollox hu ward u riħan' jintuża minflok 'mhux kollox ward u żahar'. Ir-riħan kien jintuża ħafna wkoll ma' arbuxell indiġenu ieħor ukoll, il-klin, minħabba l-aroma tiegħu. Il-weraq tal-klin, bħal dak taż-żebbuġ, kien jintuża għat-tbaħħir, imma wkoll kien jintuża biex ifewwaħ il-ħwejjeġ fil-kxaxen. Il-friegħi tal-klin, kif ukoll tar-rand, kien jinżamm mal-widna jew fix-xahar, bħala simbolu ta' għerf, peress li l-aroma ta' dawn is-siġar u l-arbuxelli għandhom kapaċità jtejbu l-memorja ta' min jużahom.

Il-ġandar, li huwa ż-żerriegħa tal-Ballut (Quercus ilex), kien jintuża bħala żugraga jew ċippitatu ta' malajr, imtaqqab b'virga jew musmar, biex ikun jista' jdur fuqu nnifsu (Mario Sciberras, komunikazzjoni personali). Is-siġra tal-Ballut hija siġra kbira u rari fis-selvaġġ f'pajjiżna, però tifforma parti minn żewġ tipi ta' bosk f'Malta.

B'hekk nistgħu naraw li diversi siġar f'Malta huma parti mill-kultura tagħna, u jistħoqqilhom iktar għarfien, id f'id mar-rispett u l-protezzjoni lejhom.



*Siġra u Ġandra tal-Ballut*





*Riħan tal-Frotta Bajda*



# INAWGURATA ŻONA GĦALL-MEET AND GREET FIĊ-ĊENTRU TA' RIĊERKA U INNOVAZZJONI TAL-AGRIKOLTURA FL-GĦAMMIERI

*Bjorn Azzopardi – Direttur Ġenerali Strateġija u Sapport*

**DIN IŻ-ŻONA SE TKUN L-EWWEL PUNT TA' RIFERIMENT GĦAL PERSUNI LI JIRRIKJEDU SERVIZZ RELATAT MAS-SETTUR**

Ġiet inawgurata żona għall-Meet and Greet fl-entratura rinovata taċ-Ċentru ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-Agrikoltura fl-Għammieri, b'investiment totali ta' €650,000. L-inawgurazzjoni saret mill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo u s-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali Alicia Bugeja Said nhar l-Erbgħa 17 ta' Jannar 2024.

Dan il-proġett, li kien jinkludi l-bini mill-ġdid tal-istruttura eżistenti fejn ġiet attrezzata b'tagħmir neċessarju u ġiet installata wkoll sistema aġġornata ta' sigurtà, huwa parti minn ħidma ta' riġenerazzjoni totali li qiegħda ssir f'dan iċ-Ċentru. Dan jinkludi entratura ġdida, bini ta' ħajt madwar iċ-Ċentru kollu u xogħol fuq il-parkeġġ estern, b'investiment totali ta' aktar minn €1.3 miljun.



*Il-Ministru Onor. Anton Refalo, is-Segretarju Parlamentari Onor. Alicia Bugeja Said, is-Segretarju Permanenti s-Sur Sharlo Camilleri u d-Direttur Generali s-Sur Bjorn Azzopardi waqt l-inawgurazzjoni tal-Meet and Greet*

Iż-żona tal-Meet and Greet se tkun l-ewwel punt ta' kuntatt għal kull min jirrikjedi servizzi offruti f'dan is-settur. Għaldaqstant se jkun hemm preżenti numru ta' rappreżentanti minn entitajiet u dipartimenti li jinsabu f'dan iċ-Ċentru, bħall-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), id-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali, il-Kummissjoni għas-Sigurtà tal-Ikel, id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, u d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura.

Fid-diskors tiegħu, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo qal "Kien ilu jinħass il-bżonn li jkun hemm punt ta' referenza fejn persuna li għandha bżonn servizzi

relatati ma' dan is-settur tkun taf fejn għandha tmur. Huwa propju għalhekk li qegħdin ninawguraw din il-binja hekk importanti. Din il-binja issa ser isservi bħala post ċentrali, fejn is-servizzi kollha li jiġu offruti mill-Għammieri ser ikunu qegħdin jiġu offruti minn din il-binja ġdida u moderna."

Min-naħa tagħha, is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali Alicia Bugeja Said saħqet kif dan il-proġett huwa parti minn numru ta' investimenti infrastrutturali u teknoloġiċi li qiegħed jagħmel il-Gvern, biex ikompli jissimplifika l-mod li l-viżitaturi, fosthom sajjieda u bdiewa, ikunu jistgħu jitolbu u jagħmlu xi użu mis-servizz pubbliku. Qalet li grazzi għal dan il-punt ta' riferiment ewlieni, kull min jirrikjedi li jżur dan iċ-Ċentru ser ikun jista' jiġi moqdi b'mod effettiv u immedjat minn post wieħed.

"Irridu nkomplu nipprovdu s-serħan tal-moħħ lill-produtturi kollha involuti f'dan is-settur, u dan nistgħu nagħmluh billi nibqgħu effettivi u effikaċi fil-ħidma ta' dawn id-dipartimenti. B'hekk, inkomplu nappoġġjaw il-ħidma kollha li qiegħda ssir mis-sajjieda, bdiewa u produtturi lokali," temmet tgħid is-Segretarju Parlamentari Bugeja Said.





















# Intervista
# MAS-SINJURA ESTELLE BONELLO SANT

*Kitba ta' Neville Sultana – Maniġer 1, Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni*

Illum ingħaqadna mas-Sinjura Estelle Bonello Sant, Direttur tad-Diviżjoni Strateġija u Sapport, sabiex nintroduċuha mal-qarrejja tagħna u xejn xejn tqabblu wiċċ familjari li jirrappreżenta sezzjoni importanti mill-industrija fil-Ministeru tagħna.

1. **X'ġibdek lejn dan il-qasam tax-xogħol?**
   Meta kont iżgħar qatt m'għaddietli minn moħħi li se naħdem f'dan is-settur, iżda llum ma nimmaġinanix naħdem f'settur ieħor. Waqt li kont qed nagħmel id-degree għamilt credit fuq il-Politika Agrikola Komuni u peress li missieri bidwi, is-suġġett interessani ħafna. Ftit wara li lestejt id-degree u bdejt il-Masters rajt call ta' risk analysis coordinator mal-Paying Agency u kont applikajt għaliha ... u minn Marzu tal-2010 sal-lum – u wara xi tibdil ġmielu – għadni naħdem f'dan il-qasam. Ngħid id-dritt, l-imħabba u l-passjoni li nħaddan lejn is-settur agrikolu kibret maż-żmien għaliex f'xogħli tgħallimt ħafna min-nies ta' madwari.

2. **Kieku kellek tagħżel karriera oħra, x'kienet tkun? U xorta kienet tkun relatata mas-setturi li tmexxi?**
   Ovvjament karriera fiż-żfin. Iżda sfortunatament ikolli ngħid li f'pajjiżna diffiċli ħafna taqla' l-ħobża ta' kuljum mill-arti, speċjalment meta jkun stil speċifiku bħall-Flamenco. Il-flamenco ma tantx għandu x'jaqsam ma' dan is-settur, avolja meta għext fi Spanja ġewwa Jerez de la Frontera żfint anke f'nofs għalqa dwieli jew waqt preżentazzjonijiet ta' nbejjed.

   Li nista' ngħid hu li l-karriera tiegħi fiż-żfin għenitni fil-qasam tal-attivitajiet u l-promozzjoni, qasam li fil-Ministeru ilni mmexxi għal dawn l-aħħar tliet snin. Vera s-settur kompletament differenti, imma l-prinċipji bażiċi tal-organizzazzjoni ta' attività huma l-istess.

3. **X'kien l-aktar mument li ħassejtek kburi bih bħala Direttur tal-Operat?**
   Ġejt fdata l-Pożizzjoni ta' Direttur tal-operat f'Ottubru tal-2023 iżda qabel kont immexxi (u għadni) it-taqsima għall-attivitajiet u l-promozzjoni. Il-fatt li kull attività li organizzajna bħala tim, kemm għall-pubbliku, kif ukoll għall-ħaddiema



*Mal-Eċċellenza tiegħu, George Vella, President ta' Malta, waqt il-ftuħ tal-ewwel edizzjoni tal-Agrifair 2022*

*Ritratt ta' fuq: Waqt il-kompetizzjoni tal-ovini tal-Imnarja 2023*

tal-Ministeru kienet ta' suċċess, biżżejjed għalija biex inkun kburija. Iżda ma nistax ma nsemmix li l-iktar żewġ attivitajiet li jibqgħu għal qalbi u li ħallew marka fuq is-settur huma l-AgriFair 2022 u l-Imnarja 2023. Sigħat twal ta' xogħol u dedikazzjoni ma' tim żgħir imma impekkabbli li żgur jibqgħu jissemmew. Meta jirnexxilek iġġib ħaddiema minn sezzjonijiet differenti tal-Ministeru li jaħdmu flimkien biex attività tkun ta' suċċess, ma tistax ma tkunx kburija!

4. **Hemm xi kurżità dwarek li tixtieq taqsam magħna?**
Min jafni jaf li ma tantx ikun hemm misteri miegħi għax jien ktieb miftuħ. Forsi xi ħaġa kurjuża hi li l-kafè rrid nagħmlu jien u ma nkun irrid lil ħadd jagħmilhuli.
Nota mingħand Neville, l-awtur: Din mhix il-verità kompluta, għaliex kemm-il darba għamiltu jien il-kafè u għoġobha lid-Direttur!

5. **Fejn nistgħu nsibuk meta ma tkunx fuq ix-xogħol?**
Il-kċina nħobbha wisq. Li nsajjar huwa żvog u brejk għalija. Ħafna mill-ħin liberu tiegħi nqattgħu



*Mument mill-opra Carmen fit-Teatru Astra*

nwassal u nara lit-tifel waqt attivitajiet extra kurrikulari. U ovvjament ħin għal Flamenco ma jonqosx. Nipprova nlaħħaq ma' kollox.

6. **Min jispirak?**
Ommi Margaret! Dejjem kienet ta' ispirazzjoni kbira għalija! Mara li għalkemm għaddiet minn ħafna, dejjem uriet reżiljenza liema bħala. Mara qalbha tad-deheb li għallmitni u għadha tgħallimni sal-ġurnata tal-lum. Grazzi ma!



*Jiena u l-idolu tiegħi, ommi Margret*

7. **Fejn tara lilek innifsek fi żmien għaxar snin?**
Fuq deckchair il-Maldives mingħajr mobile u komunikazzjoni mal-bqija tad-dinja! Le, ħallina miċ-ċajt. Kif għedt fil-bidu, ma nimmaġinanix naħdem f'settur ieħor li mhux dan. Nispera biss li mil-lum sa għaxar snin oħra nkun għamilt xi ħaġa li swiet biex tagħmel differenza, jekk mhux fis-settur, għall-inqas man-nies li jaħdmu taħt ir-responsabbiltà tiegħi.

8. **X'jaffaxxinak l-aktar dwar is-setturi li tmexxi?**
Permezz tax-xogħol iltqajt ma' ħafna nies differenti u rajt ħafna aspetti differenti tas-settur. Jaffaxxinani l-fatt li tkun taf kemm tkun taf qatt mhu biżżejjed u tiltaqa' ma' min tiltaqa' dejjem titgħallem xi ħaġa.

9. **Kieku kellek iċ-ċans li terġa' tibda mill-ġdid, x'tagħmel differenti?**
Ma jiddispjaċini l-ebda pass li ħadt fil-karriera tiegħi, u avolja sibt ħafna ostakli li għelibt bl-għajnuna tan-nies ta' madwari, xorta ma nibdel xejn.

10. **Kieku hawn sħabek, x'jgħiduli dwarek?**
Kemm jien storbjuża!

11. **B'liema modi int l-istess minn meta kont tfajla u issa?**
Ifhem, bejnietna għadni t-tfajla li daħlet taħdem f'dan is-settur ta' 27 sena. Ma narax li nbdilt daqshekk.

12. **Għal xiex tixtieq tiġi mfakkra?**
Li dejjem ittrattajt lil dawk ta' madwari bir-rispett u bis-sewwa.

13. **Liema mistoqsijiet isaqsuk ħafna bħala Direttur tal-Operat?**
Normalment jistaqsuni ħafna: 'fiex wasal ix-xogħol?' Ħafna mix-xogħol tad-Direttorat jirrelata ma' proġetti u xogħol tal-id u kulħadd ikun irid tiegħu lest l-ewwel. Bħalissa ħafna qed jistaqsuni: 'kif sejrin bil-preparamenti tal-AgriFair?' – attività li hi l-prijorità tad-Direttorat; attività li se ssir f'April li ġej.

Grazzi lis-Sinjura Estelle Bonello Sant talli ddedikat il-ħin tagħha sabiex tirrispondi xi mistoqsijiet li għamilnielha u grazzi lilkom il-qarrejja li wrejtu interess f'din l-intervista. Nisperaw li issa meta tattendu xi avveniment li norganizzaw, tagħrfu l-moħħ li jmexxi u jieħu ħsieb jidderieġi lilna l-impjegati tat-Taqsima tal-Avvenimenti u l-Promozzjoni!

**Buy your tickets**

## AT THE DOOR











Malta **Agri**Fair 2024

# Farm to Fork

## A Living Innovation Expereince

**12th - 14th April 2024**
**10:00hrs - 22:00hrs**

The Malta Fairs and Conventions Centre (MFCC) in Ta' Qali

**agrifair**.gov.mt






# RIŻORSI AGRIKOLI MALTA

*Kitba ta' Dr Marielise Tabone – Uffiċjal Kap Eżekuttiv – Riżorsi Agrikoli Malta*

Wara li l-Ministeru nieda l-konsultazzjoni pubblika dwar ir-riforma fil-qasam tar-raba', u wara li xtarrejna l-kummenti li rċivejna mingħand il-pubbliku ta' kif nistgħu ntejbu tali riforma u kif nistgħu nimplimentaw il-proposti li proponejna, kien imiss issa li nkomplu naħdmu filwaqt li nibdew inwettqu dawk il-proposti.

Fil-fatt, ftit tal-ġimgħat ilu, f'konferenza tal-aħbarijiet bit-tema 'Malta Ġusta', il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, Dr Anton Refalo, ħabbar it-twaqqif tal-Aġenzija Riżorsi Agrikoli Malta. Din l-Aġenzija se tkun responsabbli, kemm sabiex twettaq dawk il-proposti li ġew imnedija fil-White Paper, kif ukoll l-għanijiet kollha illi ġew afdati lilha. Dan huwa pass importanti ħafna għas-settur tal-agrikoltura għaliex mhux biss din l-Aġenzija se tħares ir-raba' privata, iżda se tkun qed taċċerta ruħha li r-raba' jkun qed jintuża għall-iskop agrikolu tiegħu minn bdiewa ġenwini.

Riżorsi Agrikoli Malta se ssaħħaħ il-kontroll fuq l-akkwist u l-pussess tar-raba', kif ukoll se tkun qed tindirizza kwistjonijiet illi jistgħu jwasslu għat-telfien tar-raba'. B'dan kollu, se tkun qed tiġi garantita s-sostenibbiltà tal-biedja, il-produzzjoni tal-ikel, kif ukoll il-ħarsien tal-ambjent rurali.

Però mhux biss, għaliex l-Aġenzija se tkun ukoll qed tgħin u tassisti lill-bdiewa f'inizjattivi li għandhom x'jaqsmu mal-appoġġ ta' finanzjament b'mod li jiġu żviluppati, applikati u kkordinati l-proġetti u l-inizjattivi privati kollha għas-settur agrikolu. Fil-fatt, qabel anke ma ġiet imwaqqfa l-Aġenzija, il-Ministeru diġà kien beda jgħin u jassisti lill-bdiewa tagħna għal min xtaq japplika għall-miżura tal-ħitan tas-sejjieħ mal-Awtorità ta' Ġestjoni (Management Authority of Funds and Programmes Division - Managing Authority EAFRD).

Xi wħud mir-responsabbiltajiet illi se jkollha r-Riżorsi Agrikoli Malta jinkludu illi tappoġġja l-iżvilupp sostenibbli tas-settur agrikolu f'Malta, timplimenta regolamenti politiki tal-Gvern dwar ir-riżorsi agrikoli, tiżgura governanza responsabbli tal-pussess tal-art agrikola privata permezz ta' sistema effettiva ta' ġestjoni tal-art agrikola, timplimenta proġetti u tamministra skemi relatati mal-iżvilupp, il-ġestjoni tal-art agrikola u r-riżorsi tal-ilma, kif ukoll taġġorna, tikkordina u timplimenta l-Pjan għall-Ġestjoni tal-Iskart Agrikolu prevalenti ta' dak iż-żmien u sabiex tirreġistra u timmaniġġja b'mod sostenibbli l-bijoriżorsi agrikoli b'mod li jappoġġa s-settur agrikolu f'Malta.

Sabiex twettaq l-għan prinċipali li għandha l-Aġenzija, li huwa dak li tissalvagwardja r-raba' agrikolu, Riżorsi Agrikoli Malta se toħloq reġistru sabiex tinżamm informazzjoni dwar il-pussess u l-użu tal-art agrikola privata. Ir-reġistrazzjoni tal-art agrikola għandha ssir mis-sid stess fejn apparti li hu jkun qed jiddikjara li l-art hija tiegħu, hu se jkun qed jagħti informazzjoni jekk tali art hijiex qed tiġi mikrija lil xi bidwi, jekk hijiex qed tinħadem minnu stess jew jekk l-art hux qed tinħadem.

Iżda apparti minn dan, ir-reġistru fejn se jkunu qed jiġu reġistrati l-artijiet agrikoli, se jkun qed jinżamm reġistru ieħor bl-informazzjoni rigward il-bejgħ u t-trasferimenti kollha tal-artijiet agrikoli permezz tan-notifika tal-konvenju jew tal-kuntratt ta' bejgħ tar-raba' inkwistjoni jew tat-trasferiment.

Inċentiv ieħor li minnu se jkun qed igawdi l-bidwi ġenwin li qed jikri xi art agrikola, huwa d-dritt ta' preferenza sabiex dak il-bidwi ġenwin jakkwista r-raba' li huwa jkun qed jaħdem meta s-sid jiddeċiedi li jkun irid ibigħ l-art li tkun qed tinħadem.

*Ir-ritratt ta'fuq: Il-Ministru Dr Anton Refalo iħabbar it-twaqqif tal-Aġenzija Riżorsi Agrikoli Malta*

Oltre minn dan, l-Aġenzija, permezz tad-dritt mogħti lilha, se tkun qed takkwista raba' li tkun qed tiġi offruta għall-bejgħ mis-sidien tagħha, biex imbagħad din l-art tkun tista' tiġi allokata lill-bdiewa ġenwini, b'mod speċjali dawk ġodda li għadhom deħlin jew li qed jippruvaw jidħlu fis-settur agrikolu sabiex l-art tibqa' tinħadem għall-iskop agrikolu tagħha.

Permezz tal-informazzjoni li se tinġabar fir-reġistri li ssemmew rigward ir-reġistrazzjoni tal-art agrikola, l-Aġenzija Riżorsi Agrikoli Malta se tkun tista' sservi bħala intermedjarju, b'mod illi tkun tista' tressaq bdiewa li jixtiequ jidħlu fis-settur agrikolu, b'mod speċjali ż-żgħażagħ jew bdiewa ġenwini li jkunu qed ifittxu r-raba', flimkien ma' bdiewa oħra li jkunu lesti illi jittrasferixxu l-qasam tagħhom, jew ma' sidien li jkunu lesti li jikru jew ibigħu l-art tagħhom. B'dan, se nkunu qed niżguraw illi l-art agrikola tkun qed tgħaddi lill-persuni illi verament lesti jaħdmu u jkabbru s-settur agrikolu.

Riżorsi Agrikoli Malta se tkun qed tistabbilixxi diversi miżuri sabiex jiġi salvagwardjat il-ħarsien tar-raba' kemm għall-bdiewa, kif ukoll għas-sidien tal-art illi arthom qed tiġi mikrija.




*Segretarju Permanenti is-Sur Sharlo Camilleri*

Fil-fatt, diġà rajna żvilupp permezz tar-regolamenti dwar il-valutazzjoni tal-art agrikola fejn permezz tal-mekkaniżmu illi ħloqna bdejna naraw illi qed jinħoloq bilanċ bejn is-sidien tal-art, kif ukoll il-bidwi li qed jaħdem l-art inkwistjoni peress li l-kirja tal-art agrikola qed tiġi aġġustata skont dan il-mekkaniżmu. Dawn ir-regolamenti ntlaqgħu ferm tajjeb, kemm mas-sidien tal-art, kemm mal-bdiewa, kif ukoll mal-Qrati Maltin li faħħru l-impenn tal-Ministeru sabiex tinstab soluzzjoni fejn instab bilanċ bejn il-partijiet.

Biss, però, il-Ministeru ma waqafx hawn rigward il-proporzjonalità bejn is-sid u l-kerrej għaliex kif forsi jaf kulħadd, dan il-Gvern, permezz tal-Baġit 'Malta Ġusta', ħabbar miżura importanti ħafna. Din il-miżura propju tirrigwardja l-eżenzjoni tat-taxxa tas-suċċessjoni fuq art agrikola mikrija jew maħduma minn bdiewa ġenwini. Permezz ta' din il-miżura, kwalunkwe persuna illi tkun għadha kif wirtet art agrikola li tkun qed tiġi mikrija lil xi bidwi jew art agrikola li tkun qed tiġi maħduma mill-werriet stess bħala bidwi professjonali, se tkun qed tiġi eżenti mit-taxxa tas-suċċessjoni wara li l-istess persuna tkun irreġistrat l-art inkwistjoni mal-Aġenzija Riżorsi Agrikoli Malta.

Barra minn din il-miżura, l-Aġenzija se tkun qed taħdem bi sħiħ, kemm sabiex toħloq proposti u inċentivi oħra anke permezz ta' fondi nazzjonali, kif ukoll se tkun qed iżżid mal-għajnuniet li diġà jeżistu b'mod speċjali lejn il-bdiewa tagħna.

B'dan kollu, l-Aġenzija Riżorsi Agrikoli Malta, flimkien mal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, qed jaħdmu u se jkomplu jaħdmu bla waqfien sabiex tibqa' titwettaq il-viżjoni illi għandna sabiex nassiguraw li l-art agrikola tiġi mħarsa bl-aħjar mod possibbli filwaqt li jingħata serħan il-moħħ lill-bdiewa fuq l-għejxien tagħhom. B'dan biss inkunu nistgħu niggarantixxu s-sostenibbiltà tas-settur agrikolu, il-produzzjoni tal-ikel, kif ukoll il-ħarsien tal-ambjent rurali.




*L-Onorevoli Anton Refalo, Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, Dr Anton Refalo*




# IL-PROĠETT AGRIHUB JIRRIVOLUZZJONA S-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TAL-INNOVAZZJONI U R-RIĊERKA

*Kitba ta' Claire Cauchi – Uffiċjal Agrikolu Prinċipali*

F'Novembru li għadda, it-taqsima Agrihub fi ħdan id-Direttorat tal-Agrikoltura, organizzat konferenza teknika ġewwa l-lukanda Excelsior, fejn ħaddiema u msieħba fi ħdan is-settur agrikolu ltaqgħu lkoll flimkien biex jiddiskutu, jikkollaboraw u jiksbu għarfien dwar il-progress notevoli li sar fil-proġett Agrihub mill-konferenza preċedenti 'l hawn.



Preżentazzjoni dwar ix-xogħol li sar fuq il-proġett Agrihub

Din il-konferenza nfetħet b'messaġġ mill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onorevoli Anton Refalo. Fil-messaġġ ġiet enfasizzata l-importanza tal-impenn tal-industrija għall-innovazzjoni u prattiċi sostenibbli għal avvanz fis-settur agrikolu.

Il-Proġett Agrihub tnieda fil-2020. Dan il-proġett kien ta' suċċess f'kull aspett, u ħareġ bħala pijunier lokali fl-avvanz tal-innovazzjoni fi ħdan is-settur Agrikolu. Iggwidat minn impenn fir-riċerka u l-iżvilupp, Agrihub kiseb tragwardi sinifikanti fl-insegwiment tiegħu għal agrikoltura aktar sostenibbli u reżiljenti.

Il-pedament tal-proġett beda bi studju li jinkludi l-analiżi tal-letteratura dwar pesti lokali, b'kollaborazzjoni wkoll tal-kompetenza teknika tal-imsieħba tal-proġett, CIHEAM Bari u l-MCAST. Dan l-istudju serva bħala bażi




Is-Segretarju Permanenti jindirizza l-Konferenza – Nikkultivaw il-Ġejjieni – Għodod u Servizzi ġodda fis-Settur Agrikolu

sabiex ġew identifikati punti strateġiċi, u ġew stabbiliti s-sisien għal strateġija dwar il-ġlieda kontra l-pesti b'effetti detrimenti fuq l-uċuħ tar-raba' lokali ewlenin.

Minbarra li twettaq studju dwar l-agrikoltura Maltija, l-Agrihub involva wkoll il-parteċipazzjoni ta' madwar 400 bidwi fi stħarriġ iddettaljat, u permezz ta' dan inġabret informazzjoni imprezzabbli dwar prattiċi ta' kultivazzjoni u esperjenzi diretti mal-pesti. Din ir-riċerka estensiva identifikat il-ħames pesti ewlenin li saru l-iskop ewlieni tal-proġett, u offriet

Ritratt ta' fuq: It-Tim taċ-CIHEAM Bari li taw il-preżentazzjonijiet waqt il-konferenza

għarfien kruċjali mhux biss għall-monitoraġġ tal-pesti iżda wkoll għall-iżvilupp ta' linji gwida għall-ġestjoni integrata tal-pesti.

Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Agrihub kien li jistabbilixxi network ta' stazzjonijiet ta' monitoraġġ mgħammra b'kapaċitajiet tal-intelliġenza artifiċjali u machine learning. Aktar minn 30 nassa tpoġġew madwar il-gżejjer Maltin, megħjuna minn sejħa għal espressjoni ta' interess, li ħeġġet il-parteċipazzjoni attiva tal-bdiewa permezz ta' kumpens ekonomiku.

Il-kollaborazzjoni maċ-CIHEAM Bari fuq dan il-proġett involviet l-użu ta' remote sensing u ritratti bis-satellita biex jiġu identifikati żoni omoġenji ta' produzzjoni agrikola li huma ta' influwenza magħrufa għad-dinamika tal-popolazzjoni tal-pesti. Bdiewa magħżula ġew avviċinati wkoll għall-parteċipazzjoni permezz tal-użu tas-sistema tal-IACS. Dan assigura firxa uniformi tan-network ta' monitoraġġ madwar il-gżejjer Maltin.

Il-bdiewa li kienu u għadhom qed jipparteċipaw f'dan l-istudju, bdew iħajru anki bdiewa oħra u b'hekk il-parteċipazzjoni attiva tal-bdiewa f'din l-inizjattiva



*Id-Direttur għad-Direttorat tal-Agrikoltura – Marco Dimech*

żdiedet maż-żmien.

Lil hinn mill-monitoraġġ tal-pesti, Agrihub kellu l-għan li jbassar il-popolazzjonijiet futuri ta' dawn l-istess pesti. Dan wassal għall-iżvilupp ta' Mudelli ta' Tbassir ta' Pesti, li huma algoritmi li jbassru reazzjonijiet ta' pesti għall-kundizzjonijiet tat-temp li jiġu rreġistrati. Permezz tal-esperti minn CIHEAM Bari u studju estensiv, ġew maħduma mudelli għal erbgħa mill-ħames pesti ewlenin identifikati.

Il-pjattaforma tal-mudelli ta' tbassir tal-pesti saret bil-ħsieb li jibdew jingħataw servizzi ta' konsulenza mid-Direttorat tal-Agrikoltura permezz tat-taqsima tal-Agriconnect. Din il-pjattaforma tippermetti lill-uffiċjali agrikoli li jinterpretaw ir-riżultati u jfasslu pjan ta' ġestjoni ta' ħsara f'konformità mal-Linji Gwida għall-Ġestjoni Integrata tal-Pesti maħruġa mid-Direttorat permezz tal-Agrihub. Dawn il-linji gwida jinsabu wkoll online fuq is-sit agriconnect.gov.mt.

Din is-sistema, dalwaqt se tagħti s-setgħa lill-konsulenti ta' Agriconnect biex jiggwidaw lill-bdiewa dwar l-aħjar strateġiji ta' protezzjoni tal-uċuħ tar-raba', billi jitnaqqas l-użu eċċessiv tal-pestiċidi.

Minn din il-konferenza ħareġ biċ-ċar li dan il-proġett huwa xhieda ta' dak li jista' jinkiseb permezz ta' koperazzjoni, innovazzjoni, u viżjoni kondiviża għal futur aħjar.




*Preżentazzjoni dwar l-immaniġġjar integrat tal-pesti*




*Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali tal-Annimali jindirizza l-konferenza tal-Agrihub li saret ġewwa l-lukanda Excelsior*



# L-EFFETT TAL-IKEL FUQ IL-ĦALIB TAL-MOGĦŻA MALTIJA

*Kitba ta' Joseph Jason Abela – lekċerer ġewwa ċ-Ċentru tal-Agrikoltura, Akwatika u Xjenzi tal-Annimali tal-MCAST*

Il-mogħża Maltija hija razza importanti ħafna u magħrufa sew barra minn xtutna. Hu magħruf li matul iż-żmien ammont konsiderevoli ta' mogħoż ta' din ir-razza ġew esportati lejn in-naħa ta' fuq tal-Afrika u anke fin-naħa t'isfel tal-Italja. Skont riċerka li saret minn Tolu u Savaz (2021), din ir-razza hija ta' kulur abjad, faċċola, rasha sewda jew ħamra u bla qrun. Xi ħaġa oħra li tidentifika din ir-razza hu l-pil midliel u twil tagħha. L-istess tista' tgħid għal widnejha li huma kbar u midlinin. Skont l-awturi, ir-razza tal-mogħża Maltija għandha sidirha kbir u kapaċi tipproduċi madwar 539kg ta' ħalib fis-sena. Din ir-razza teċċella wkoll fil-produzzjoni tal-gidjin għax kapaċi tipproduċi 2.4 gidjin fis-sena u li jkunu kapaċi jikbru bejn wieħed u ieħor 209 grammi kuljum. Hawn Malta din ir-razza kienet importanti wkoll fil-gwerra għax kienet is-sors ta' ħalib frisk għall-familji Maltin. Illum il-ġurnata nsibu diversi prodotti magħmulin mill-ħalib tal-mogħoż bħall-ġbejniet friski, nexfin u tal-bżar. Biex dan ikun possibbli, il-mogħoż iridu jintgħalfu tajjeb. Dan l-ispunt kien is-suġġett ta' riċerka li saret minn Kyle Coppola – student ġewwa l-MCAST – li bħala parti mill-Baċellerat tiegħu fil-ġestjoni tal-annimali u taħt is-superviżjoni tal-awtur ta' dan l-artiklu, investiga kif l-ikel li jingħata lill-mogħoż Maltin jaffettwa l-kontenut tal-ħalib fil-mogħża Maltija fl-ewwel perjodu tal-produzzjoni tal-ħalib.

Fl-istudju ħadu sehem 17-il razzett li bejniethom kellhom 112-il mogħża Maltija. Minn kull mogħża ttieħed kampjun tal-ħalib li ġie analizzat fil-laboratorju tal-MCAST għall-kontenut nutrizzjonali tiegħu. Il-parametri li ġew iċċekkjati kienu x-xaħam, il-proteina, iz-zokkor, l-imluħa (minerali), u d-densità tal-ħalib. Dawn kollha jilagħbu rwol importanti meta wieħed irid jipproduċi l-ġbejniet jew il-ġobon. L-irziezet kienu mferrxin ma' Malta u Għawdex biex il-kampjun ikun jista' jkun rappreżentattiv tal-Gżejjer Maltin. Dawn is-sbatax-il razzett ġew maqsumin f'erba' gruppi li jagħlfu ikel differenti. Grupp minnhom kien jagħlef ikel b'ammont baxx ta' proteina u fibra (Grupp 1), grupp ieħor li kellu rziezet li kienu jagħlfu ikel fqir fil-proteina imma sinjur fil-fibra (Grupp 2), oħrajn li kienu jagħlfu ikel sinjur fil-proteina imma baxx fil-fibra

| Kontenut | Grupp 1 | Grupp 2 | Grupp 3 | Grupp 4 |
|---|---|---|---|---|
| **Grammi (g) fl-ikel magħluf kuljum** | | | | |
| **Proteina** | 336 – 590 | 300 – 417 | 531 - 640 | 436 – 494 |
| **Fibra** | 740 – 1060 | 820 – 1250 | 610 – 843 | 1040 – 1235 |
| **Persentaġġ (%) fl-ikel magħluf kuljum** | | | | |
| **Proteina** | 7 – 10 | 7 – 10 | 11 – 13 | 11 – 13 |
| **Fibra** | 12 – 20 | 21 – 30 | 12 – 20 | 21 – 30 |

*Tabella numru 1: il-kontenut tal-ikel magħluf lill-mogħoż f'diversi gruppi*

(Grupp 3), u grupp ieħor li kien jagħlef ikel b'ammont għoli ta' proteina u fibra (Grupp 4). Ta' min wieħed jgħid li dak l-ikel li fih ħafna proteina hu magħfus l-iktar fuq il-ġwież, waqt dak l-ikel li hu sinjur fil-fibra hu iktar magħfus fuq il-magħlef. Il-magħlef jinqasam fi tnejn – dawk li jagħlfu t-tiben u dawk li jagħlfu l-felu. Meta ġiet ikkalkulata l-fibra, instab li l-felu għandu fibra ta' kwalità superjuri fuq dak tat-tiben.

Minn dan l-istudju rriżulta li l-kontenut tal-ikel affettwa l-kontenut tal-ħalib. Il-grupp numru 3, jiġifieri dak li ngħata proteina għolja u fibra baxxa, wassal biex jgħolli l-proteina fil-ħalib. F'dan il-grupp, il-proteina fil-ħalib kienet 4.23%. Il-grupp bl-anqas proteina fil-ħalib kien dak bil-mogħoż mitmugħa għalf fqir fil-proteina. F'dan il-każ, il-proteina fil-ħalib kienet 3.9%. Fil-każ tax-xaħam fil-ħalib, ir-riżultati wrew li l-ogħla riżultat ġie minn Grupp 1 fejn l-annimali ngħataw l-anqas proteina u fibra imma ta' kwalità tajba u ħafna drabi fi stat aħdar. Il-fibra ta' kwalità tajba waslet biex jogħla x-xaħam fil-ħalib. Dan isostnuh ukoll ħafna kittieba għaliex il-kwalità u l-ammont tal-fibra huma importanti ħafna jekk wieħed irid jikkontrolla x-xaħam fil-ħalib. Il-ħalib tal-mogħoż f'dan il-grupp kellu medja ta' 4.23% xaħam.

Il-gruppi l-oħrajn kellhom xaħam fil-ħalib li jvarja bejn 3.43 u 3.86%. Grupp numru 3 kellu wkoll l-ogħla ammont ta' zokkor (4.09%), minerali (0.66%) u densità (1032Kg/m³) tal-ħalib. Jekk wieħed jikkunsidra l-gruppi kollha jikkonkludi li grupp numru 3 kellu l-ogħla valuri ta' proteina, zokkor u mluħa, kawża tal-ġwież li jingħata lill-mogħża. Fil-każ ta' Grupp numru 1 dan eċċella biss fix-xaħam. Meta wieħed qiegħed jittrasforma l-ħalib tiegħu f'ġobon jew ġbejniet, kemm il-proteina, kif ukoll ix-xaħam jilagħbu rwol importanti fl-ammont ta' ġbejniet jew ġobon li wieħed joħroġ minn litru ħalib.

Meta wieħed jixtarr sew dak li ħareġ minn dan l-istudju, nistgħu nikkonkludu li importanti li l-mogħża tingħata magħlef ta' kwalità tajba u jekk ikun hemm ċans anke tingħata opportunità li toħroġ tirgħa. Dan importanti għax meta l-mogħża toħroġ tirgħa tkun tista' tiekol fibra li tkun tista' tiddiġeriha iktar faċli u għalhekk tirriżulta f'iktar xaħam fil-ħalib. Min-naħa l-oħra, meta wieħed qed jagħti l-ġwież għandu jagħżel ġwież li l-fabbrika tkun produċietu apposta għall-mogħoż li qed jeħilbu. Dan huwa importanti għaliex il-proteina u l-karbojdrati li jkun fih dan il-ġwież ikunu jistgħu jgħinu lill-mikrobi ġol-istonku tal-mogħża biex tipproduċi iktar xaħam u tgħaddi l-proteina ġol-ħalib. Bilanċ bejn dawn it-tnejn tal-aħħar iwassal għal ammont akbar ta' ġbejniet jew ġobon ta' kwalità tajba. Fl-aħħar u mhux l-inqas, wieħed irid jinnota wkoll il-kwalità tal-ħalib li tipproduċi l-mogħża Maltija. Ir-riżultati ta' dan l-istudju juru li fil-bidu tal-produzzjoni tal-ħalib din il-mogħża kapaċi tipproduċi madwar ħalib b'4% proteina, 3.8% xaħam, 3.8% zokkor, 0.6% minerali u densità ta' madwar 1030Kg/m³. Ikkumparat ma' razez ta' mogħoż oħrajn, dawn l-ammonti huma tajbin ħafna u għalhekk huwa importanti li nibżgħu għal din ir-razza lokali.

Min jixtieq iktar informazzjoni jista' jikteb lir-riċerkatur li għamel din ir-riċerka fuq: kylecoppola8@gmail.com.

Nixtiequ wkoll nirringrazzjaw lil dawk ir-raħħala li ħadu sehem fl-istudju talli kkoperaw u wrew biċ-ċar li għandhom għal qalbhom il-mogħża Maltija.




# EXCEL4MED

*Kitba ta' Emma Cutajar – Koordinatur tal-proġett tal-UE fi ħdan l-Malta Food Agency*

Il-proġett EXCEL4MED huwa proġett ta' erba' snin, iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, bl-għan li jsaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni fis-settur agrikolu tar-reġjun tal-Mediterran. Il-proġett jiffoka fuq il-produzzjoni ta' prodotti tal-ikel nutrittivi, il-massimizzazzjoni tal-użu ta' prodotti sekondarji industrijali tal-ikel li s-soltu jintremew (bħall-qxur u r-rita tal-frott) u l-adozzjoni ta' metodoloġiji teknoloġiċi ekoloġiċi u innovattivi.

Il-proġett għandu l-għan li jrawwem kollaborazzjoni bejn il-Greċja, Malta, u Franza biex itejjeb il-ktajjen tal-valur tal-ikel tar-reġjun. Fl-aħħar mill-aħħar, l-għan huwa li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli fl-industrija agrikola tal-Mediterran.

## Living labs f'Malta u fil-Greċja

Saru tliet living labs, tnejn f'Malta u wieħed fil-Greċja. B'mod ġenerali, dawn il-living labs ipprovdew pjattaforma unika għall-konsumaturi u l-partijiet interessati biex jaqsmu ideat innovattivi dwar metodi ta' proċessar li jippromovu prodotti tal-ikel aktar nutrittivi, sostenibbli u jsaħħu l-valorizzazzjoni ta' flussi sekondarji mill-industrija tal-ikel. Dawk li attendew urew entużjażmu kollettiv matul l-avveniment, li jawgura tajjeb għall-futur tal-industrija tal-ipproċessar tal-frott tal-Mediterran.

## Avvenimenti u attivitajiet li saru

Saru diversi avvenimenti u attivitajiet biex titqajjem kuxjenza dwar il-proġett EXCEL4MED. Fil-Greċja, l-imsieħba tal-proġett ipparteċipaw b'mod attiv f'konferenzi, inkluż l-Agri Innovation Expo, id-9 Konferenza Internazzjonali dwar 'Chemical Reactions in Food', is-37 Konferenza Internazzjonali EFFoST, u l-10 Konferenza Internazzjonali Mikrobiokosmos. Barra minn hekk, f'Malta, EXCEL4MED ġie rikonoxxut fl-avveniment Science in the City u l-Farmers Market ta' Ta' Qali.



*Agri Innovation Expo 2023 fl-Università Agrikola ta' Ateni (21-23 ta' Settembru 2023)*

*Ritratt ta' fuq: Excel4Med fil-Farmers Market ta' Ta' Qali! (18 ta' Novembru 2023)*




*Tliet ekosistemi ta' innovazzjoni separati se jinħolqu permezz tal-proġett EXCEL4MED*

### L-istħarriġ tal-konsumatur

Bħala parti mit-tieni Pakkett ta' Ħidma tal-proġett, sar stħarriġ komprensiv u rappreżentattiv tal-konsumaturi madwar Malta, il-Greċja, u Franza. L-istħarriġ kellu l-għan li jevalwa l-interess u r-rieda tal-konsumaturi li jixtru prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel li bħalissa qed jiġu prodotti grazzi għar-riċerka tal-proġett, kif ukoll ir-rieda tagħhom li jħallsu aktar għal dawn il-prodotti b'valur miżjud. Sustanzi bioattivi estratti mill-qxur u r-rita taċ-ċitru u tar-rummien se jtejbu diversi oġġetti tal-ikel tradizzjonali, jgħollu l-kontenut nutrittiv tagħhom, jikkontribwixxu għall-prevenzjoni jew il-kontroll tal-mard, u jestendu l-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa.

Ibbażat fuq ir-riżultat tal-istħarriġ ta' tliet nazzjonijiet, l-ostakli ewlenin għall-adozzjoni ta' prodotti tal-ikel ġodda huma r-riżervi tal-konsumaturi u l-perċezzjonijiet negattivi rigward l-addittivi tal-ikel (anke jekk vitamini), li jirriflettu l-preferenza ġenerali tal-konsumaturi għall-ikel bnin. L-istħarriġ jenfasizza li n-naturalezza, it-tradizzjoni, is-saħħa, u oġġetti tal-ikel prodotti lokalment jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-preferenzi tal-konsumatur. Barra minn hekk, hemm nuqqas ta' rieda fost il-konsumaturi li jħallsu żejjed għal smoothies, juices u ġobon fis-salmura b'aktar żieda ta' ammonti ta' bioattivi. Minkejja l-interess konsiderevoli biex jippruvaw dawn il-prodotti tal-ikel ġodda, il-konsumaturi tipikament urew li mhumiex lesti li jaqbżu prezz addizzjonali ta' 5% għal kwalunkwe mill-prodotti proposti. Għal aktar aġġornament u informazzjoni fuq il-proġett wieħed jista' jidħol fuq is-sit: https://excel4med.eu/



*L-ewwel Living Lab tal-proġett EXCEL4MED li sar fil-Greċja, fl-Università Agrikola ta' Ateni (4 ta' Lulju 2023)*



*Living Lab mal-konsumaturi fil-Malta Life Science Park (5 ta' Mejju 2023)*




*Konferenza Internazzjonali Mikrobiokosmos fil-Greċja. Vasilis Valdramidis, Koordinatur tal-proġett EXCEL4MED, ma' Giorgos Markou, Koordinatur AquaTech4Feed*

Funded by the European Union

EXCEL4MED

This project has received funding from the European Union's Horizon Europe research and innovation programme under grant agreement No 101087147



# SFORZI DINJIJA BIEX TIĠI INDIRIZZATA R-REŻISTENZA GĦALL-ANTIBIJOTIĊI

*Kitba ta' Stephen Spiteri – Spiżjar Prinċipali Anzjan, Direttorat għar-Regolament Veterinarju, Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali*

L-isforzi dinjija biex tiġi indirizzata r-reżistenza għall-antibijotiċi (AMR) kisbu attenzjoni xierqa minħabba t-theddida li ġejja mill-AMR għas-saħħa pubblika u tal-annimali, is-sigurtà tal-ikel u l-instabbiltà ekonomika. L-AMR tiżviluppa meta mikrobi jirreżistu l-effett tal-antibijotiċi kontrihom u allura l-infezzjonijiet ma jfiqux. Xi sforzi minn għaqdiet dinjija kontra l-AMR huma dawn li ġejjin:

## Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH)

- Ħolqot il-'Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri u Akwatiċi'. Dan il-kodiċi huwa linji gwida għall-użu prudenti tal-antibijotiċi fl-annimali. Il-Kodiċi jinkludi reġimi ta' dożi u miżuri ta' sorveljanza kif ukoll kontroll.
- Tappoġġja lill-pajjiżi fit-twaqqif ta' sistemi ta' sorveljanza fuq l-użu ta' antibijotiċi fl-annimali u tixrid tal-AMR, billi tiġbor data ta' bejgħ. Dan jgħin biex jiġu identifikati xejriet tal-AMR. Permezz tad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja, Malta wkoll tipprovdi din id-data lill-WOAH.
- Tħeġġeġ l-integrazzjoni ta' suġġetti relatati mal-AMR fil-kurrikuli veterinarji.
- Tagħti għajnuna fit-tisħiħ tal-laboratorji dijanjostiċi veterinarji biex jiskopru u jikkaratterizzaw l-AMR fil-patoġeni tal-annimali.
- Tippromovi għarfien fost il-veterinarji, il-bdiewa u l-pubbliku dwar l-użu responsabbli tal-antibijotiċi.
- Tipprovdi gwida dwar l-antibijotiċi biex jiġi żgurat li jintużaw b'mod xieraq.
- Tinvolvi ruħha f'inizjattivi ta' riċerka għal strateġiji alternattivi ta' kontroll tal-mard fl-annimali ħalli titnaqqas id-dipendenza fuq l-antibijotiċi.

## L-UE u Pjani ta' Azzjoni tagħha kontra l-AMR

- F'Ġunju tal-2017 ħareġ pjan ta' azzjoni li jista' jservi wkoll ta' mudell.
- Waqqfet il-European Surveillance of Veterinary Antimicrobial Consumption (ESVAC). Din tiġbor u tistudja data dwar il-bejgħ u l-użu tal-antibijotiċi. Malta tieħu sehem f'dal-proġett, u kull sena tipprovdi d-data. Id-data tintuża mill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini, (EMA), l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) biex joħorġu r-rapport JIACRA. Ir-rapport hu analiżi tal-konsum tal-antibijotiċi u l-okkorrenza ta' reżistenza għall-antibijotiċi. Il-politiċi jistgħu jużaw l-informazzjoni fih biex ifasslu politika tajba msejsa fuq fatti. Ix-xjentisti jistgħu jirreferu wkoll għar-rapport biex jagħmlu skoperti dwar il-mediċina, il-kura tas-saħħa u trobbija aħjar tal-annimali.
- L-UE taspira li tkun reġjun tal-aħjar prattika u għalhekk tipprova tipperswadi lill-pajjiżi mhux membri biex jużaw metodi fit-trobbija tal-annimali u fil-kura tas-saħħa tal-bniedem li ma joħolqux riskji bla bżonn tal-AMR. Metodi ħżiena huma bħal meta l-antibijotiċi jintużaw għas-simna tal-annimali u biex jikkumpensaw għall-iġjene ħażina (użu preventiv tal-antibijotiċi).
- Il-ħidmiet qatt mhuma daqshekk sempliċi peress li hemm elementi oħra li jridu jiġu kkonsidrati, bħal dawk ekonomiċi u kummerċjali.
- Il-Kummissjoni tal-UE tagħmel ukoll verifiki fuq l-Istati Membri biex tkejjel il-progress fir-rigward tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali tagħhom.

## Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u Organizzazzjoni Dinjija tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO)

- Iż-żewġ organizzazzjonijiet fasslu pjan ta' azzjoni globali kull wieħed dwar l-AMR, li jiddeskrivi strateġiji għall-aħjar użu tal-antibijotiċi.
- Iħaddnu sistemi globali ta' sorveljanza tar-reżistenza.

*Ritratt ta' fuq: Fl UE l-AMR huwa importanti ħafna*

Il-WHO għandha s-Sistema Globali ta' Sorveljanza tar-Reżistenza u l-Użu tal-Antimikrobiċi (GLASS) li tiġbor data dwar ir-reżistenza minn madwar id-dinja.

- F'Novembru ta' kull sena josservaw il-ġimgħa dinjija ta' għarfien dwar l-antibijotiċi u jħejju attivitajiet.

## Ġnus Magħquda (UN)

- L-AMR hija integrata f'diversi Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Dawn jinkludu l-SDG 3 (Saħħa Tajba u Benesseri) u l-SDG 2 (Ġuħ Żero).
- Il-GARDP hija organizzazzjoni tal-UN li tiffoka fuq l-iżvilupp ta' antibijotiċi ġodda. Hija parti minn network ta' sorveljanza globali. Biex tilħaq l-għanijiet tagħha tissieħeb ma' gvernijiet, kumpaniji farmaċewtiċi u istituzzjonijiet ta' riċerka.
- Il-grupp tal-mexxejja globali dwar ir-Reżistenza Antimikrobika jiġbor flimkien mexxejja minn madwar id-dinja magħżula minn gvernijiet, is-soċjetà ċivili u s-settur privat. Il-grupp imexxi 'l quddiem azzjonijiet f'livell għoli kontra l-AMR.

## Ingaġġ mill-Kumpaniji Farmaċewtiċi

- Il-kumpaniji farmaċewtiċi jimpenjaw ruħhom għal prattiċi ta' manifattura ta' antibijotiċi responsabbli u jinvestu fir-riċerka u l-iżvilupp ta' antibijotiċi ġodda.
- Dawn jeżistu wkoll biex jagħmlu profitt. Jekk jonfqu miljuni ta' flus biex jiżviluppaw mediċini li wara ftit ma jinbigħux għax jieqfu jaħdmu, il-kumpaniji jieqfu jinvestu f'riċerka għal mediċina ġdida. Biex jikkumpensaw għal dan, l-awtoritajiet regolatorji jipprovdu inċentivi biex iħeġġu lill-kumpaniji jinvestu, għal perjodi twal ta' esklussività fis-suq għal antibijotiċi ġodda.

## Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali kontra l-AMR

Fuq livell nazzjonali, ħafna pajjiżi żviluppaw pjanijiet ta' azzjoni biex jindirizzaw l-AMR. Dawn il-pjanijiet tipikament jinkludu strateġiji ta' sorveljanza, liġijiet, riċerka u kampanji ta' għarfien. F'Malta, il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u Drittijiet tal-Annimali (MAFA) u l-Ministeru għas-Saħħa fasslu flimkien pjan ta' azzjoni tal-AMR mifrux fuq tmien snin (2020-2028).



*AMR huwa diskuss fl-ogħla istituzzjonijiet tad-dinja*

## Il-ħidma ta' Malta

Malta tagħti s-sehem tagħha wkoll fuq livell Ewropew. Pereżempju, meta Malta kellha l-Presidenza tal-UE bejn Jannar u Ġunju 2017 kienet responsabbli minn liġi ġdida dwar prodotti mediċinali veterinarji. Malta assigurat, bl-appoġġ sħiħ ta' Stati Membri oħra, li d-dispożizzjonijiet legali dwar l-użu prudenti tal-antibijotiċi jkunu inklużi fil-liġi l-ġdida.

Barra minn hekk, Malta tipparteċipa b'mod attiv



*Waqt il-Presidenza tal-UE Malta ħadmet fuq l-AMR*




*Antibijotiċi jinfirxu fl-ibħra u l-ħut tiegħu*

fl-inizjattivi ewlenin kollha tal-UE u dawk globali, bħal pereżempju fl-istħarriġ Tripartite AMR Country Self-Assessment Survey (TrACSS). L-istħarriġ isegwi l-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali f'approċċ konġunt bejn l-imsieħba Tripartiti (FAO, WOAH, WHO). Fl-2022, it-Tripartit inbidel fi kwadripartit peress li laqa' lill-UNEP. Il-UNEP huwa Il-Programm tal-Ġnus Magħquda għall-Ambjent. Dan huwa responsabbli għall-koordinazzjoni tar-reazzjonijiet għal kwistjonijiet ambjentali fi ħdan il-Ġnus Magħquda.

L-aġenziji tal-UE jaħdmu flimkien biex joħorġu pariri xjentifiċi dwar bosta aspetti relatati mal-AMR. Ejja nsemmu inizjattiva waħda, li hi l-opinjoni xjentifika (RONAFA) maħruġa mill-EMA flimkien mal-EFSA. Din issemmi miżuri li jnaqqsu l-ħtieġa tal-antibijotiċi fit-trobbija tal-annimali u l-impatti pożittivi li jirriżultaw fuq is-sikurezza tal-ikel.

L-isforzi biex tiġi miġġielda l-AMR huma multisettorjali u internazzjonali. L-AMR ma tafx fruntieri. Il-kollaborazzjoni kontinwa bejn il-gvernijiet, il-professjonisti u r-riċerkaturi hija essenzjali.

Minbarra l-għaqdiet li semmejna, hemm diversi oħrajn li jaħdmu fuq din il-kwistjoni, u kollha jistinkaw biex jaħdmu flimkien. B'dan il-mod id-dinja tal-lum u tal-ġejjieni jkollha l-armamenti meħtieġa biex tintrebaħ il-gwerra kontra l-infezzjonijiet permezz ta' antibijotiċi effettivi.



# WORKSHOP DWAR L-IKEL ORGANIKU

*Kitba ta' Daniela Farrugia – Uffiċjal Pubbliku, Direttorat tas-Sistemi tal-Ikel*

Propju fl-4 ta' Ottubru li għadda, id-Direttorat tas-Sistemi tal-Ikel organizza workshop għall-istakeholders li jagħmlu parti mill-katina tal-ikel sabiex jiġi diskuss it-tħaddim tal-Pjan Nazzjonali għall-Ikel Organiku. L-għan ta' dan il-workshop kien sabiex flimkien nifhmu u niddiskutu l-isfidi li qegħdin jaffaċċjaw l-operaturi rigward l-ikel organiku f'Malta.

Mar-rabta tal-ikel organiku, iktar kmieni s-sena li għaddiet, ġie mniedi l-pjan nazzjonali għall-ikel organiku wara li saru l-konsultazzjonijiet pubbliċi ġewwa Malta u Għawdex. Dan il-pjan għandu viżjoni waħda; bħala konsumatur għandu jkollna aċċess għall-ikel organiku lokali mill-art u mill-baħar ta' kwalità għolja. Bix-xieraq ukoll, il-produtturi Maltin u Għawdxin għandhom igawdu wkoll u jingħataw lura qligħ kif suppost li jirrappreżenta l-isforz tal-ħin, id-dedikazzjoni u l-imħabba li jingħata lejn il-prodott organiku lokali. Marbut mal-pjan ta' azzjoni nsibu l-mira stabbilita mill-Unjoni Ewropea fejn tispjega li Malta jrid ikollha 5% tal-art agrikola madwar Malta u Għawdex iddedikata lejn it-tkabbir tal-ikel organiku lokali.

Il-pjan għandu numru ta' azzjonijiet imqassmin fuq tliet pilastri fejn l-għan huwa li jkun protett, kemm il-produttur, u kemm ix-xerrej. Infatti, l-ewwel pilastru jittratta l-importanza li noħolqu ekosistema li tkun ta' vantaġġ għall-produttur. Fit-tieni pilastru, l-azzjonijiet jitkellmu dwar kif il-Gvern jista' jkompli jsaħħaħ l-istrutturi ta' tmexxija u kompetenza sabiex tkun iktar faċli għall-produtturi li jagħmlu użu minn dawn is-servizzi. Fl-aħħar mhux b'inqas, l-aħħar pilastru jirrelata mal-konsumatur. Dan għaliex dan l-aħħar punt huwa dwar l-importanza li ntejbu l-aċċess għall-ikel organiku fis-swieq lokali permezz ta' iktar viżibilità u għarfien dwar dan.

Kif semmejna, it-tliet pilastri jirrelataw mal-produttur u max-xerrej. Ix-xerrejja f'dan il-każ jistgħu jvarjaw b'diversi modi; kumpaniji tal-manifattura, operaturi tal-lukandi u ristoranti, ħwienet tal-merċa u assoċjazzjonijiet, u kmamar tar-rappreżentanti. Għalhekk, meta tnieda l-pjan, kellna x-xewqa li nsaħħu r-relazzjoni bejn l-operaturi fil-katina tal-ikel sabiex inkunu nistgħu nlaqqgħu l-operaturi u nisimgħu mingħand kull wieħed u waħda minnhom dwar l-isfidi, is-suġġerimenti, kif ukoll dwar il-metodi ta' ħidma ta' kuljum. Minkejja li x-xewqa ġiet imwettqa, ma nistgħux ma ngħidux li ma sibniex sfidi waqt il-preparamenti ta' qabel. Madankollu, ninsabu ferħana li din l-attività kienet ta' suċċess, b'diversi parteċipanti jirringrazzjawna ta' din l-opportunità sabiex isemmgħu leħinhom.

Il-parteċipanti tal-workshop tqassmu fi tliet gruppi. Kull grupp esperjenza tliet



*Ritratt ta' fuq: Dr Alessandro Cataldo waqt id-diskors tiegħu*

diskussjonijiet ibbażati fuq tliet temi differenti. Għal kull tema, avviċinajna tliet kelliema li ħadu ħsieb imexxu d-diskussjoni filwaqt li jieħdu nota tal-punti li jqajmu l-parteċipanti.

Fost is-sessjonijiet, l-ewwel diskussjoni mmexxija minn Stefan Cachia, id-Direttur Ġenerali  tal-Biċċerija rrelatat mal-isfida kif bħala konsumaturi nagħżlu li nixtru prodotti organiċi lokali. Id-diskussjonijiet iffukaw fuq kif inħarsu lejn il-biedja organika u ntlaħaq kunsens dwar l-importanza li jiġu involuti l-partijiet interessati kollha fil-katina tal-ikel sabiex l-ikel organiku jingħata l-importanza xierqa. Dan ifisser li produtturi, ristoranti, bejjiegħa, lukandi u ħwienet oħra jżommu kuntatt flimkien sabiex l-operaturi jifhmu aktar lil xulxin.

Is-Sur Justin John Camilleri, Kap Uffiċjal għall-Iżvilupp tan-Negozju tal-Aġenzija Malta Food kompla jiddiskuti l-prezz tal-ikel organiku fis-suq, tal-provista, kif ukoll l-importanza li l-prodott organiku jkun konsistenti għall-operaturi tal-lukandi u ristoranti kif ukoll ħwienet

2



tal-merċa. Dan għaliex, pereżempju, restorant, irid ikollu sigurtà li se jsib ħxejjex u frott mis-suq lokali. Għalhekk, fost l-azzjonijiet tal-pjan nazzjonali, qed tkun provduta, kemm għajnuna finanzjarja għall-konverżjoni u manutenzjoni tal-biedja organika, kif ukoll jiġu mogħtija l-inċentivi neċessarji sabiex b'hekk tintlaħaq il-mira ta' 5% ta' art agrikola organika.

Waqt l-aħħar sessjoni mmexxija minn Sonya Sammut, Ambaxxatriċi għall-Ikel Organiku u Sostenibbli, iddiskutejna l-importanza tal-marketing f'dan is-suq. Minbarra l-importanza tiegħu, tkellimna dwar x'tip ta' strateġiji effettivi tal-marketing jistgħu jintużaw sabiex titqajjem iktar kuxjenza dwar l-importanza li nagħżlu l-ikel organiku lokali. F'dan ir-rigward, iktar ma jkun hawn għarfien, iktar tiżdied id-domanda fis-suq lokali. Għalhekk huwa importanti li kull wieħed u waħda minna nagħmlu l-parti tagħna sabiex inkunu minn ta' quddiem biex isseħħ din il-bidla.

Fost il-kelliema waqt dan il-workshop, tkellem ukoll Dr Alessandro Cataldo dwar l-importanza li nippreservaw it-tradizzjonijiet lokali filwaqt li nħaddnu żvilupp sostenibbli permezz ta' trawwim tal-wirt agrikolu eżistenti ta' Malta u Għawdex.

Din l-opportunità ta' diskussjoni mal-operaturi serviet ta' esperjenza pożittiva. L-esperjenza saħħet ir-rabtiet tal-operaturi li pparteċipaw waqt id-diskussjoni. Hekk kif inħarsu 'l quddiem, ninsabu ħerqana bl-impenn sabiex napplikaw l-għarfien miksub, u nikkontribwixxu għas-suċċessi tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet preżentati f'dan il-pjan nazzjonali.



*L-Ambaxxatriċi Sonya Sammut, bid-diskors tagħha dwar l-Pjan Nazzjonali għall-Ikel Organiku*

3




*Ritratti 1 / 2 / 3: Il-parteċipanti flimkien mal-kelliema Stefan Cachia, Justin John Camilleri u Sonya Sammut waqt is-sessjoni ta' diskussjoni*



# IL-PROGRAMM 'LET'S TALK FARMING'; SEMINAR DWAR IS-SETTUR AGRIKOLU GĦALL-ISKEJJEL PARTEĊIPANTI FIT-TIENI EDIZZJONI

*Kitba ta' Sharon Scerri – Maniġer Il – Programm 'Let's Talk Farming'*

## Seminar Informattiv dwar l-Agrikoltura Lokali

Minbarra t-tagħlim u riżorsi ta' informazzjoni adattati għall-istudenti li jattendu l-Kinder 1 sas-sitt sena tal-livell tal-Primarja, tul is-sena skolastika, il-programm 'Let's Talk Farming' joffri wkoll seminar edukattiv immirat sabiex joffri informazzjoni addizzjonali dwar is-settur agrikolu lill-edukaturi, ġardinara u membri oħra tal-istaff fl-iskejjel parteċipanti li jgħinu fl-attivitajiet marbuta mal-programm u għandhom interess fis-settur agrikolu.

Din is-sena, is-seminar ġie organizzat f'Jannar f'Għawdex f'waħda mill-iskejjel tal-primarja tal-Kulleġġ t'Għawdex, Dun Salv Portelli San Lawrenz u f'Malta fl-Old Farmhouse fl-Għammieri, fejn spikkat l-attendenza numeruża b'rappreżentanti minn kull skola parteċipi fit-tieni edizzjoni tal-programm.

## It-Temi Diskussi

Il-materjal informattiv ġie mwassal mis-Sur Ray Scicluna li hu wieħed mill-imsieħba tal-programm, kif ukoll il-persuna li offriet flixkun żejt taż-żebbuġa mis-siġar taż-żebbuġ propjetà tiegħu, lil kull skola parteċipanta.

Is-seminar indirizza bosta temi ta' interess għal dawk kollha preżenti fosthom:

1) Il-piramida tat-tessuti tal-ħamrija u n-nutrijenti;
2) It-testijiet tal-ħamrija li jistgħu jsiru sabiex jiġi identifikat it-tip ta' ħamrija bħala livell ta' ph (kemm hi alkalina jew aċiduża l-ħamrija) u anke s-salinità (kemm hi mielħa);
3) L-importanza tal-protezzjoni tal-ħamrija fejn faċilment tintilef mar-riħ jew tinġarr mal-ilma imma mhux faċli li żżid ċentimetru fil-wiċċ tar-raba';
4) Informazzjoni dwar meta għandu jsir u kif għandu jsir il-ħart;
5) Informazzjoni dwar in-newba sabiex tiġi evitata li l-ħamrija ma tiġix nieqsa mill-istess tip ta' nutrijenti, kif ukoll linji gwida dwar pjanti li jistgħu jitkabbru bħal karrotti u l-pitravi li għandhom it-tap root;
6) Ġew diskussi l-importanza tal-ilma u l-prattiċi ta' kif l-ilma għal użi tal-agrikoltura għandu jiġi kkonservat;



*Ritratt ta' fuq: Żejt taż-żebbuġa ppovdut mingħand Ray Scicluna*

*Seminar fl-Għammieri*




6 Skola Primarja San Lawrenz, Għawdex

Skola Primarja Tas-Sliema




7) Il-kura tas-siġar agrikoli (is-saħħa taz-zkuk u l-għeruq, il-faxxina jew il-weraq tal-istess siġra u l-frott li tipproduċi);
8) Il-fertilizzanti bħan-nitrati;
9) Il-Modernizzazzjoni tal-Agrikoltura, inkluż l-Intelliġenza Artifiċjali (IA), l-aquaponics u l-hydroponics.

Is-seminar ġie fi tmiemu bi ftit statistika, figuri taċ-ċensiment li sar f'Malta fl-2020 fejn indikat li t-trobbija tat-tiġieġ broliers, tal-baqar u tal-majjal naqset filwaqt li kienet ġiet irreġistrata żieda fit-trobbija tan-nagħaġ, mogħoż u t-tiġieġ tal-bajd. Il-figuri taw dawl ukoll fuq kif inhi mqassma l-art agrikola f'pajjiżna kif ukoll perċentwali tal-age group tal-bdiewa f'pajjiżna.

### Id-Distribuzzjoni ta' materjal addizzjonali kif imwiegħed fil-bidu tat-tieni edizzjoni

Wara l-preżentazzjoni, tqassmu siġar tat-tut lokali lill-iskejjel li għandhom l-art u pjanti ornamentali lill-iskejjel li m'għandhomx art fejn iħawlu. Dawn ġew imkabbrin u provduti mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti bħala kollaboraturi tal-programm. Tqassmu wkoll boroż tal-ħwawar provduti mingħand Life Journey Odyssey, imsieħba fil-programm. Għat-tieni edizzjoni, ġie allokat baġit sabiex jingħata sett kotba tat-tfal b'tema agrikola għall-użu tal-librerija ta' kull skola parteċipi. Flok żrieragħ, f'din l-edizzjoni tqassmu tilari b'seba' tipi ta' xitel fosthom tal-piżelli, ħass u kurrat sabiex jitkabbru fl-iskejjel parti mill-attivitajiet hands-on tal-programm.



Ħwawar ipprovduti mingħand Life Journey Odyssey




Imsieħeb tal-Programm Ray Scicluna



# IL-FNIEK DOMESTIĊI

*Kitba ta' Neville Sultana – Maniġer 1, Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni u Alice Anne Steer – appassjonata u volontiera li tieħu ħsieb il-fniek*

Illum se nitkellmu fuq il-fniek mal-famuża Mama Alice – Alice Anne Steer. L-imħabba li din il-persuna għandha għal dawn il-kreaturi wisq ħelwin hija xi ħaġa li wieħed għandu jammira. Meta jkollha xi żarmuġ ġdid dejjem tgħidli bih u darba anke ħallietni nsemmi wieħed minnhom, Eros, li sfortunatament m'għadux magħna, però ċert li għex ħajja ta' re ma' Alice sakemm dam f'din id-dinja. Se nħalli f'idejn Alice sabiex tgħidilkom ftit mill-għarfien li għandha dwar il-fniek domestiċi.

Hemm żewġ tipi ta' fniek, dawk li jissejħu kummerċjali, li jitkabbru għall-konsum tal-laħam u dawk li jitrabbew bħala fniek domestiċi, iktar magħrufin bħala pet rabbits.

F'dan l-artiklu se nitkellmu dwar il-fniek domestiċi. Nibdew mit-twelid tal-fniek. Fenka tqila tieħu 31 ġurnata minn meta tiġi mgħammra sakemm twelled. Hekk kif il-fenka omm tibda tersaq lejn il-ġurnata tat-twelid, tibda tqatta' mis-suf tagħha stess u tibda ġġorr it-tiben sabiex tipprepara l-bejta. Xi ħaġa importanti hi li l-fenka omm, nippreparawlha kaxxa fejn twelled, dik li nsibuha bħala nesting box, fejn tkun komda biżżejjed għaliha sabiex tlesti l-bejta u twelled fiha ż-żgħar tagħha.

Kif twelled, il-fenka omm tkun responsabbli biżżejjed biex tara li ż-żrameġ ikunu mgħottijin bis-suf tagħha stess, biex iżżommhom sħan. Hu importanti li l-fenka tkun ġo post għall-kwiet, sabiex tħossha komda u sigura u tieħu ħsieb il-frieħ tagħha kif suppost. L-omm tkun protettiva ħafna fuq iż-żgħar. Għalhekk hu importanti li titħalla kemm jista' jkun għall-kwiet u li l-bejta ma tintmessx. Ta' min isemmi li ż-żrameġ jiġu misqijin mill-omm darbtejn kuljum fl-iktar ħinijiet kwieti tal-ġurnata, ġieli anke matul il-lejl. F'każ li ninnutaw li l-omm mhix tisqi liż-żgħar tagħha, nistgħu nagħmlu assisted breast feeding, fejn inqabbdu liż-żgħar ma' sider l-omm aħna stess jew inkella nisquhom milk formula permezz ta' flixkun apposta jew siringa, ħalib li hu adattat għaż-żrameġ.

Iż-żrameġ jitwieldu bis-snien irqaq, però b'għajnejhom magħluqin. Interessanti l-fatt li dawn jiftħu għajnejhom meta jkollhom madwar 12 il-ġurnata, u hawnhekk nibdew naraw ċaqliq fil-bejta. Huwa żmien ħelu ħafna meta nibdew nilmħu xi wieħed, tnejn jew aktar miż-żrameġ jippruvaw iħallu l-bejta u jiskopru d-dinja madwarhom. Sa ħames xhur jissejħu żrameġ, u jkunu għadhom juniors. Kif jiġu għas-sitt xahar jissejħu adulti.

Ninnutaw li kif iż-żrameġ ikollhom madwar erba' ġimgħat, jibdew inaqqsu mill-ħalib tal-omm, jibdew jixorbu l-ilma u anke jnaqqru l-ikel u t-tiben. Ta' sitt ġimgħat, kif ikunu lesti biex jinfatmu (jinfirdu) minn mal-omm, irridu nieħdu ħsieb sabiex inlaqqmuhom. It-tilqima tingħata bħala prekawzjoni kontra ċertu mard.

Id-dieta tal-fenek tikkonsisti fi 80% tiben jew felu, 10% ħaxix u 10% dry food bħal pallets. Ħaxix bħal ħass, li fih ħafna ilma u ftit nutrijenti, jew zunnarija u saħansitra frott mgħobbi biz-zokkor, għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun. Huwa ovvju, li iktar ma jikbru, iktar iżidu fl-ammont ta' ikel li jikkunsmaw.

L-ikel għandu jingħata wkoll bil-qies. Abbundanza fl-ikel jaf issarraf f'piż żejjed fil-fenek, fejn biż-żmien jista' jbati minn problema fil-qiegħ tas-saqajn u dijarea. Għalhekk, għandna dejjem nevitaw ikel żejjed. Ovvjament, meta jkollna fenka li qed tistenna ż-żgħar, irridu nżidu l-porzjon tal-ikel għax tkun qed tiekol iktar sabiex tagħti n-nutrijenti liż-żgħar tagħha, u anke biex tibda tipprepara ħalli tipproduċi l-ħalib wara li twelled.

L-ilma hu importanti daqs l-ikel għall-fniek – jekk mhux iktar! Irid ikun dejjem frisk speċjalment fix-xhur sħan tas-sajf. Nafu ninnutaw li fix-xhur is-sħan, il-fniek

inaqqsu mill-ammont tal-ikel li jikkunsmaw u jżidu fix-xorb. Irridu nkunu ċerti li għandhom ilma frisk il-ħin kollu u saħansitra jinbidel matul il-ġurnata. Nagħtu parir li fis-sajf nippruvaw kemm jista' jkun inħalluhom f'post għall-frisk, però mhux b'fannijiet u airconditions diretti fuqhom.

Xi ħaġa importanti għall-fniek hi l-grooming. Jeżistu razez varji ta' fniek u importanti li jinżammu nodfa. Il-fniek ma jinħaslux bħalma jistgħu jinħaslu annimali oħra. Anzi jekk nagħmlu dan, nafu nagħmlulhom ħsara kbira u jafu saħansitra jmutu. Il-fniek kapaċi jitnaddfu waħedhom. Iżda huwa importanti li jiġu ċċekkjati regolarment għal xi għoqiedi fil-pil jew ġilda xotta. Importanti wkoll li regolarment niċċekkjawlhom widnejhom għal xi mites.

Permezz tal-grooming jitneħħa suf mejjet u nkunu qed nevitaw li l-fniek jibilgħuh meta jitnaddfu. Dwiefer u snien għandhom ukoll jiġu ċċekkjati regolarment u jinqatgħu jekk hemm bżonn. Biex neliminaw problema fis-snien, irridu nkunu ċerti li jieklu ħafna tiben.

Grazzi Mama Alice għal dan l-għarfien utli dwar it-trobbija tal-fniek domestiċi u bħal dejjem nissuġġerixxu li għal kwalunkwe problema dejjem inħeġġu li jittieħed parir professjonali. Grazzi lilkom il-qarrejja talli segwejtuna u narawkom fil-ħarġa li jmiss!

# Kraft: Fniek Helwin



**X'GĦANDEK BŻONN:**

- 2 toilet paper rolls
- marker iswed
- pinna jew marker iswed irqiq
- żebgħa bajda u ħamra jew roża
- pinzell
- imqass
- blalen tal-qoton
- kolla

**METODU:**

1. Ħu toilet paper roll u ċċattjah ftit.
2. Pinġi l-fenek – uża r-ritratt t'hawn taħt bħala referenza u aqta'.
3. Iċċattja t-tieni toilet paper roll u aqta' żewġ widnejn tal-fenek.
4. Inkollahom fuq ġewwa tar-ras tal-fenek.
5. Uża ż-żebgħa ħamra jew roża sabiex iżżid l-imnieħer u l-ħaddejn.
6. Uża żebgħa bajda biex iżżid dettalji mal-widnejn, l-imnieħer u l-ġisem tal-fenek.
7. Uża marker iswed biex tpenġi l-għajnejn u l-mustaċċi.



**Tfal, issa li qrajtu dwar il-qtates domestiċi, tistgħu tidħlu biċ-ċans li tirbħu voucher ta' €20 li jissarraf fi ktieb/kotba mingħand Calleja Secondstep. Dan tistgħu tagħmluh billi twieġbu tajjeb għall-mistoqsija li hawn iktar 'l isfel u tibagħtulna ritratt tal-craft. Din il-kompetizzjoni hi miftuħa għal dawk li għandhom 12-il sena jew inqas. Ir-rebbieħ jittella' bil-polza minn fost dawk li jkunu bagħtu tweġiba tajba u jekk tibagħtulna ritratt tal-craft, isimkom jitniżżel darbtejn fil-polza.**

## Mistoqsija: Minn xiex tikkonsisti d-dieta tal-fenek?

**Ibgħat it-tweġiba tiegħek flimkien ma' ismek, kunjomok, id-data tat-twelid, in-numru tat-telefown u l-indirizz, jew permezz ta' imejl fuq nisgetartna.mafa@gov.mt, jew bil-posta – Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni, Agriculture Research and Innovation Hub, l-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2023.**

